IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 30.11.2011
KUMM(2011) 817 finali

2011/0384 (COD)

Proposta għal

# REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008
li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEG(2011) 1433 finali}
{SEG(2011) 1434 finali}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) twaqqaf permezz tar-Regolament (KE) 294/2008 bl-għan li jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-kompetittività bit-tisħiħ tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-UE u l-Istati Membri tagħha. Matul il-perjodu 2014-2020, l-EIT se jikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali tal-"Orizzont 2020 - Il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni" (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'Orizzont 2020')[1], bl-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Din l-integrazzjoni sseħħ l-aktar permezz tal-Komunitajiet għall-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs), li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet fuq bażi ta' medda twila ta' żmien biex isolvu l-isfidi tas-soċjetà.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Orizzont 2020 lejn l-EIT se tkun implimentata skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid fl-"Orizzont 2020"[2]. L-iffinanzjar tal-EIT għall-KICs se jkopri "attivitajiet ta' valur miżjud tal-KIC", iżda l-KICs jew l-organizzazzjonijiet imsieħba jistgħu jirrikorru *għal skemi oħra fl-Orizzont 2020 jew il-programmi tal-Unjoni Ewropea skont ir-regoli rispettivi tagħhom u li għandhom l-istess importanza daqs applikazzjonijiet oħra.*

L-emendi proposti jissejsu fuq bosta sorsi: it-tagħlimiet meħuda fil-perjodu inizjali, il-proposta għall-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tal-EIT li tkompli fuq il-proposta tal-Bord tat-Tmexxija tal-EIT, ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' valutazzjoni esterna u l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni, kif ukoll fuq ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet interessati tal-EIT.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-ISTIMI TAL-IMPATT

It-tħejjija tal-proposta qieset ir-reazzjonijiet għall-konsultazzjonijiet miftuħa dwar l-EIT[3] L-Istati Membri u medda wiesgħa ta' partijiet interessati mill-industrija, id-dinja akkademika u s-soċjetà ċivili esprimew il-fehmiet tagħhom. Dan wera li hemm appoġġ qawwi għall-missjoni tal-EIT biex ikun hemm aktar kooperazzjoni u kooperazzjoni aħjar bejn id-dinja tal-akkademija, l-attività imprenditorjali, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Skont dawk li wieġbu, l-EIT għandu jkollu rwol ewlieni fl-'Orizzont 2020', il-Programm tal-UE tal-ġejjieni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u għandu jsawwar rabtiet aktar mill-qrib ma' sforzi Ewropej u nazzjonali oħra. Parti kbira ta' dawk li wieġbu faħħru l-mod li bih l-EIT jiżgura l-parteċipazzjoni tal-intrapriżi fix-xogħol tiegħu u ħeġġu lill-Istitut biex jaċċellera l-attivitajiet tiegħu ta' sensibilizzazzjoni. Barra minn hekk, dawk li wieġbu jqisu l-involviment fl-intrapriża bħala rilevanti ħafna għas-suċċess tal-EIT fil-ġejjieni. Il-flessibbiltà, iċ-ċarezza dwar ir-regoli u qligħ ċert mill-investiment huma għalhekk fondamentali biex tiġbed il-parteċipazzjoni tas-settur privat.

Il-proposta sserraħ ukoll fuq ir-rapport estern ta' valutazzjoni li fih il-kunċett ta' integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien jitqies bħala rilevanti ħafna u t-temi li fuqhom jinbena l-EIT huma milqugħa tajjeb. Hemm appoġġ qawwi għall-mudell li ġie żviluppat mill-EIT, imsejjes fuq netwerks integrati ta' ċentri ta' ko-lokazzjoni. Dawk li wieġbu kienu wkoll pożittivi, u konsistenti, fil-perspettiva

1 ĠU C. p.
2 ĠU C. p.
3 http://ec.europa.eu/education/eit/eit-consultation_en.htm

tagħhom li l-valur tal-KICs kien jinsab fl-azzjoni tagħhom bħala katalisti li jiżguraw valur addizzjonali mill-attivitajiet li membri individwali diġà jkunu daħlu għalihom.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-proposta tissejjes fuq l-Artikolu 173 tat-TFUE u se tkun implimentata bħala ġestjoni ċentralizzata indiretta.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Matul il-perjodu 2014-2020 se tingħata kontribuzzjoni finanzjarja ta' Eur 3.182.230 miljun (prezzijiet attwali) lill-EIT mill-Orizzont 2020, il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) . Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża ma' din il-proposta tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji u dawk fuq ir-riżorsi umani u amministrattivi.

2011/0384 (COD)

Proposta għal

**REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008
li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 173(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[4],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[5],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv tassenja rwol minn ta' quddiem lill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (minn issa 'l quddiem imsejjaħ EIT) li jikkontribwixxi għal għadd ta' inizjattivi ewlenin.

(2) Matul il-perjodu 2014-2020, l-EIT għandu jikkontribwixxi għall-objettivi tal-"Orizzont 2020 - Il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni" stabbilit bir-Regolament Nru XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'Orizzont 2020')[6], bl-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

(3) Sabiex ikun żgurat qafas koerenti għal dawk li jieħdu sehem fl-Orizzont 2020, ir-Regolament Nru XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid fl-'Orizzont 2020' - il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020), (minn issa 'l quddiem imsejħa r-'Regoli għall-Parteċipazzjoni') għandu japplika għall-EIT.

---

4 ĠU C , , p. .
5 ĠU C , , p. .
6 ĠU C. p.

(4) Ir-regoli dwar il-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali huma ddefiniti fir-Regoli għall-Parteċipazzjoni.

(5) Ir-regoli dwar l-istati u l-pajjiżi terzi li jieħdu sehem huma ddefiniti fir-Regolament dwar l-Orizzont 2020.

(6) L-EIT għandu jaħdem direttament mar-rappreżentanti nazzjonali u reġjonali u ma' partijiet interessati oħra minn naħa għal oħra tal-katina tal-innovazzjoni biex jiġġenera effetti ta' benefiċċju fuq iż-żewġ naħat. Sabiex dan id-djalogu u l-iskambju jkunu aktar sistematiċi għandu jiġi organizzat Forum tal-Partijiet Interessati li jiġbor flimkien komunità usa' ta' partijiet interessati madwar kwistjonijiet trażversali.

(7) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-EIT lejn il-Komunitajiet għall-Għarfien u l-Innovazzjoni (minn issa 'l quddiem imsejħa KICs) għandu jkun iddefinit u l-oriġini tar-riżorsi finanzjarji tal-KICs għandha tkun iċċarata.

(8) L-għamla tal-entitajiet tal-EIT għandha tkun issimplifikata. It-tħaddim tal-Bord tat-Tmexxija tal-EIT għandu jkun issimplifikat u l-irwoli u l-ħidmiet rispettivi tal-Bord tat-Tmexxija u tad-Direttur għandhom jiġu ċċarati aktar.

(9) KICs ġodda, inklużi l-oqsma ta' prijorità tagħhom u l-organizzazzjoni u l-waqt propizju tal-proċess ta' għażla, għandhom jitniedu abbażi ta' modalitajiet iddefiniti fl-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni.

(10) Il-KICs għandhom iwessgħu l-attivitajiet edukattivi tagħhom billi jipprovdu korsijiet ta' taħriġ professjonali.

(11) Il-kooperazzjoni fl-organizzazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet tal-KICs bejn il-Kummissjoni u l-EIT huma meħtieġa biex tkun żgurata koerenza mas-sistema ġenerali ta' monitoraġġ u valutazzjoni fil-livell tal-UE.

(12) Il-KICs għandhom ifittxu s-sinerġiji ma' inizjattivi rilevanti tal-Unjoni Ewropea.

(13) Sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni usa' ta' organizzazzjonijiet minn Stati Membri differenti fil-KICs, l-organizzazzjonjiet imsieħba għandhom ikunu stabbiliti f'tal-inqas tliet Stati Membri differenti.

(14) Il-kriterji u l-proċeduri għall-iffinanzjar, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-attivitajiet tal-KICs għandhom ikunu adotatti mill-EIT qabel it-tnedija tal-proċess ta' għażla tal-KIC.

(15) Il-Programm Triennali ta' Ħidma tal-EIT għandu jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-objettivi speċifiċi tal-EIT, kif iddefiniti fl-Orizzont 2020, u l-komplementarjetajiet mal-istrumenti u l-politiki tal-Unjoni Ewropea.

(16) L-EIT, billi taqa' taħt l-Orizzont 2020, se tkun parti mis-semplifikazzjoni tal-infiq minħabba t-tibdil tal-klima kif iddefinit fl-Orizzont 2020.

(17) Il-valutazzjoni tal-EIT għandha tipprovdi kontribut f'waqtu għall-valutazzjoni tal-Orizzont 2020 fl-2017 u l-2023.

(18) Il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ ir-rwol tagħha fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' aspetti speċifiċi tal-attivitajiet tal-EIT.

(19) Dan ir-Regolament jistabbilixxi, għall-perjodu mill-2014 sal-2020, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza prinċipali, fis-sens tal-punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' XX/YY/201Z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u f'amministrazzjoni finanzjarja soda, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-EIT għandha tkun ipprovduta minn Orizzont 2020.

(20) Minkejja li kien previst hekk inizjalment, il-Fondazzjoni tal-EIT mhux se tirċievi kontribuzzjoni diretta mill-baġit tal-UE, il-proċedura ta' kwittanza ma għandhiex tapplika għaliha.

(21) Biex l-affarijiet ikunu aktar ċari l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 294/2008 għandu jiġi sostitwit b'Anness ġdid.

(22) Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 3 u 4 huma mħassra.

(b) Il-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla" tfisser istituzzjoni fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (KE) Nru XXX/20XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-"Erasmus għal kulħadd".

(c) jiżdied il-paragrafu 10 li ġej:

"10. "Forum tal-partijiet interessati" tfisser laqgħa miftuħa għar-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, għal entitajiet individwali jew ta' interess organizzat mid-dinja tan-negozju, l-edukazzjoni ogħla u r-riċerka, għal organizzazzjonijiet miġbura flimkien, kif ukoll partijiet oħra interessati minn naħa għal oħra tat-triangolu tal-għarfien".

(d) jiżdied il-paragrafu 11 li ġej:

11. "Attivitajiet ta' valur miżjud tal-KIC" tfisser attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet imsieħba li jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni ogħla, inklużi l-attivitajiet ta' twaqqif, amministrazzjoni u koordinazzjoni tal-KICs.

(2) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 3

**Missjoni u Objettivi**

Il-missjoni tal-EIT hija li jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività ekonomika fl-Ewropa, b'mod sostenibbli, bit-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni. Dan

għandu jagħmlu billi jippromwovi u jintegra l-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-ogħla standards.

L-Objettivi Ġenerali, l-Objettivi Speċifiċi u l-indikaturi tar-riżultati tal-EIT għall-perjodu 2014-2020 huma ddefiniti fl-Orizzont 2020".

(3) Fl-Artikolu 4(1), il-punt (b) huwa mħassar:

(4) Fl-Artikolu 5(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa mħassar.

(b) Jidħol il-punt (j) li ġej

"(j) ilaqqa', tal-inqas darba fis-sena, il-Forum tal-Partijiet Interessati biex jagħti tagħrif dwar l-attivitajiet tal-EIT, l-esperjenzi tagħha, il-prattiki tajbin u l-kontribuzzjoni għall-politiki u l-objettivi ta' innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni tal-Unjoni. Il-partijiet interessati jiġu mistiedna jesprimu l-fehmiet tagħhom."

(5) Fl-Artikolu 6(1), il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ fil-livell ta' masters u ta' dottorat, kif ukoll korsijiet ta' taħriġ professjonali, f'dixxiplini bil-potenzjal li jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet soċjo-ekonomiċi Ewropej fil-ġejjieni u li jippromwovu l-iżvilupp ta' ħiliet marbuta mal-innovazzjoni, it-titjib tal-ħiliet maniġerjali u intraprenditorjali u l-mobbiltà ta' riċerkaturi u studenti;".

(6) L-Artikolu 7 jiġi emendat kif ġej:

(a) jidħol il-paragrafu 1a:

"1a. L-EIT għandu jniedi l-għażla u n-nomina tal-KICs skont l-oqsma ta' prijorità u l-iskeda taż-żmien iddefinita fl-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI)."

(b) fil-paragrafu 2, jiżdied il-punt (h) li ġej:

"(h) disponibbiltà li jiġu stabbiliti sinerġiji ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni Ewropea,"

(c) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-kundizzjoni minima biex tiġi fformata KIC hija l-parteċipazzjoni ta' mill-anqas tliet organizzazzjonijiet imsieħba, stabbiliti f'mill-anqas tliet Stati Membri differenti. Dawn l-organizzazzjonijiet imsieħba kollha jridu jkunu indipendenti minn xulxin fis-sens tal-Artikolu 7 tar-Regoli għall-Parteċipazzjoni"."

(d) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-maġġoranza tal-organizzazzjonijiet imsieħba li jiffurmaw KIC għandhom jiġu stabbiliti fl-Istati Membri. Mill-inqas istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla waħda u kumpanija privata waħda għandhom ikunu parti minn kull KIC. "

(e) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. L-EIT għandha tadotta kriterji u proċeduri għall-iffinanzjar, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-attivitajiet tal-KICs qabel it-tnedija tal-proċedura ta' għażla għall-KICs il-ġodda."

(7) Jidħol l-Artikolu 7a li ġej:

"Artikolu 7a

**Prinċipji għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-KIC**

L-EIT, fuq il-bażi tal-indikaturi ewlenin dwar ir-rendiment u bil-kooperazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jorganizza monitoraġġ kontinwu u valutazzjonijiet esterni minn żmien għal żmien tal-kontributi, ir-riżultati u l-impatt ta' kull KIC."

(8) Jidħol l-Artikolu 7b li ġej:

"Artikolu 7b

**Tul ta' żmien, kontinwazzjoni u tmiem ta' KIC**

1. Suġġett għall-eżiti ta' valutazzjonijiet minn żmien għal żmien u għall-ispeċifiċitajiet ta' oqsma partikolari, KIC normalment għandu jkollu qafas ta' żmien ta' minn seba' sa ħmistax-il sena.

2. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddeċiedi li jestendi l-operat ta' KIC lil hinn mill-perjodu inizjali stabbilit jekk dan ikun l-aktar mod adatt biex jinkisbu l-objettivi tal-EIT.

3. Fil-każ li l-evalwazzjonijiet tal-KIC juru riżultati inadegwati, il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu l-miżuri adatti inklużi t-tnaqqis, il-modifika jew l-irtirar tal-appoġġ finanzjarju tiegħu jew it-tmiem tal-ftehim."

(9) L-Artikolu 10 huwa mħassar.

(10) L-Artikolu 14, paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-KICs għandhom jiġu finanzjati, b'mod partikolari, mis-sorsi li ġejjin:

(a) kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet imsieħba, bħala sors sostanzjali ta' finanzjament;

(b) kontribuzzjonijiet statutorji jew volontarji minn Stati Membri, pajjiżi terzi jew awtoritajiet pubbliċi fi ħdanhom;

(c) kontribuzzjonijiet minn entitajiet jew istituzzjonijiet internazzjonali;

(d) dħul ġenerat mill-attivitajiet tal-KICs stess u mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(e) dotazzjonijiet ta' kapital, inklużi dawk ġestiti mill-Fondazzjoni EIT;

(f) wirt, donazzjonijiet u kontribuzzjonijiet minn individwi, istituzzjonijiet, fondazzjonijiet jew kull entità nazzjonali oħra;

(g) kontribuzzjoni mill-EIT;

(h) strumenti finanzjarji, inklużi dawk mill-fondi tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea."

Il-kontribuzzjonijiet jistgħu jinkludu kontribuzzjonijiet in natura."

(11) L-Artikolu 14(4) jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-kontribuzzjoni tal-EIT tista' tkopri sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli totali tal-attivitajiet ta' valur miżjud tal-KIC".

(12) L-Artikolu 15 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 15

**Programmazzjoni u rappurtar**

L-EIT għandu jadotta:

(a) programm triennali progressiv ta' ħidma, ibbażat fuq l-ASI, ladarba tiġi adottata, li fih stqarrija tal-prijoritajiet ewlenin u l-inizjattivi ppjanati tal-EIT u tal-KICs, inkluża stima ta' ħtiġijiet u sorsi finanzjarji. Għandu jkun fih ukoll indikaturi xierqa għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-KICs u l-EIT. Il-programm triennali progressiv preliminari ta' ħidma għandu jintbagħat mill-EIT lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru kull N-2. Fi żmien tliet xhur il-Kummissjoni għandha tagħti l-opinjoni tagħha fir-rigward tal-objettivi speċifiċi tal-EIT kif iddefiniti fl-Orizzont 2020 u l-komplementaritajiet mal-politiki u l-istrumenti tal-Unjoni. L-EIT għandu jqis l-opinjoni tal-Kummissjoni u f'każ ta' nuqqas ta' qbil jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu. Il-programm ta' ħidma finali għandu jiġi trasmess mill-EIT lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, għall-finijiet ta' informazzjoni;

(b) rapport annwali sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena. Ir-rapport għandu jagħti fil-qosor l-attivitajiet immexxija mill-EIT u l-KICs matul is-sena kalendarja ta' qabel u jeżamina r-riżultati fir-rigward tal-objettivi, l-indikaturi u l-iskeda taż-żmien stabbiliti, ir-riskji assoċjati mal-attivitajiet imwettqa, l-użu ta' riżorsi u l-operat ġenerali tal-EIT."

(13) L-Artikolu 16 jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-kelma "ħamsa" tiġi sostitwita bil-kelma "tlieta";

(b) jidħol il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Il-Kummissjoni tista' twettaq valutazzjonijiet oħra dwar temi jew suġġetti ta' rilevanza strateġika, bl-għajnuna ta' esperti indipendenti, biex teżamina l-progress magħmul mill-EIT fir-rigward tal-objettivi stabbiliti, tidentifika l-fatturi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet u tidentifika prattiki tajba."

(14) Fl-Artikolu 17, jidħol il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. L-AIS għandha tinkludi analiżi tas-sinerġiji potenzjali u l-komplementaritajiet bejn l-attivitajiet tal-EIT u inizjattivi, strumenti u programmi oħra tal-Unjoni."

(15) L-Artikolu 19 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 19

**Impenji Baġitarji**

Il-pakkett finanzjarju mill-Orizzont 2020 għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 huwa stabbilit għal EUR 3.182,230 miljun. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas

finanzjarju. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT lejn il-KICs għandha tkun ipprovduta minn dan il-pakkett finanzjarju."

(16) Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-abbozz tal-istima, flimkien ma' abbozz ta' pjan ta' stabbiliment u l-programm progressiv triennali preliminari ta' ħidma u jgħaddihom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru N-2."

(17) Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 6 jinbidel b'li ġej:

"6. Abbażi tal-istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal, fl-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, l-istimi li hija tqis meħtieġa għall-ammont tas-sussidju li jrid jiġi addebitat lill-baġit ġenerali."

(18) L-Artikolu 21 jiġi emendat kif ġej

(a) jidħol il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Il-kontribuzzjoni finanzjarja lill-EIT għandha tkun implimentata skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabilixxi l-Orizzont 2020 u skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid fl-Orizzont 2020".

(b) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena n + 2, jagħti l-approvazzjoni tiegħu għas-sena n lid-Direttur fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-IET."

(19) L-Artikolu 22(4) huwa mħassar

(20) Jidħol l-Artikolu 22a li ġej:

"Artikolu 22a

**Xoljiment tal-EIT**

Fil-każ ta' xoljiment tal-EIT, il-likwidazzjoni tiegħu għandha sseħħ taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni skont il-liġijiet applikabbli. Il-ftehimiet mal-KICs u l-att li jistabbilixxi l-Fondazzjoni EIT għandhom jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet adegwati f'tali sitwazzjoni."

*Artikolu 2*

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 294/2008 għandu jinbidel bl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Memri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |

## ANNESS

**Statuti tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija**

**Taqsima 1**

**Kompożizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija**

4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul kemm minn membri maħtura kif ukoll minn rappreżentanti.

5. Għandu jkun hemm 12-il membru maħtur, b'ħatra mill-Kummissjoni, li fosthom ikun hemm bilanċ bejn dawk b'esperjenza fin-negozju, fl-edukazzjoni ogħla u fir-riċerka. Dawn għandu jkollhom mandat ta’ erba' snin li ma jiġġeddidx.

   Fejn meħtieġ, il-Bord tat-Tmexxija għandu jibgħat lill-Kummissjoni proposta għall-ħatra ta' membru(i) ġdid(ġodda). Il-kandidat(i) għandu jintgħażel (għandhom jintgħażlu) abbażi tar-riżultat ta' proċedura trasparenti u miftuħa li tinvolvi l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati.

   Il-Kummissjoni għandha żżomm kont tal-bilanċ bejn l-esperjenza fl-edukazzjoni ogħla, fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fin-negozju kif ukoll tal-bilanċ bejn is-sessi u tal-valutazzjojni tal-ambjenti tal-edukazzjoni ogħla, riċerka u innovazzjoni madwar l-Unjoni.

   Il-Kummissjoni għandha taħtar il-membru(i) u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-proċess tal-għażla u l-ħatra finali ta’ dawk il-membri tal-Bord tat-Tmexxija.

   F'każ li membru maħtur ma jkunx/tkunx jista'/tista’ jibqa'/tibqa’ sat-tmiem tal-mandat tiegħu/tagħha, għandu jinħatar membru sostitut permezz tal-istess proċedura tal-membru mhux aktar kapaċitat sabiex iwettaq sat-tmiem il-mandat ta' dan tal-aħħar. Membru sostitut li jkun serva għal perjodu ta' inqas minn sentejn jista' jinħatar mill-ġdid mill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin addizzjonali fuq talba tal-Bord tat-Tmexxija.

   Matul perjodu tranżitorju, il-membri tal-Bord maħtura inizjalment għal perjodu ta' sitt snin għandhom jaslu sa tmiem il-mandat tagħhom. Sa dak in-nhar għandu jkun hemm 18-il membru maħtura. Fi żmien sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, terz mit-tnax il-membru maħtura fl-2012 għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni biex iservu għal perjodu ta' sentejn, terz għal perjodu ta' erba' snin u terz għal perjodu ta' sitt snin.

6. Għandu jkun hemm tliet membri rappreżentattivi eletti mill-KICs minn fost l-organizzazzjonijiet imsieħba. Dawn għandu jkollhom mandat ta’ sentejn, li jista’ jiġġedded darba. Il-mandat tagħhom jintemm jekk ma jibqgħux mal-KIC.

   Il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet għall-elezzjoni u s-sostituzzjoni tal-membri rappreżentattivi għandhom jiġu approvati mill-Bord tat-Tmexxija abbażi ta' proposta mid-Direttur. Dan il-mekkaniżmu għandu jiżgura rappreżentanza xierqa tad-diversità u għandu jżomm kont tal-evoluzzjoni tal-KICs.

   Matul perjodu tranżitorju, il-membri rappreżentanti inizjalment eletti għal perjodu ta' tliet snin għandhom jaslu sa tmiem il-mandat tagħhom. Sa dakinhar għandu jkun hemm erba' membri rappreżentanti.

7. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jaġixxu fl-interess tal-EIT, jissalvagwardaw il-miri u l-missjoni, l-identità u l-koerenza tiegħu b'mod independenti.

**Taqsima 2**

**Responsabbiltajiet tal-Bord tat-Tmexxija**

8. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu deċiżjonijiet strateġiċi meħtieġa, b'mod partikolari:

(a) jadotta l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI) tal-EIT, il-programm progressiv triennali ta' ħidma, il-baġit tiegħu, il-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ tiegħu u r-rapport annwali tiegħu tal-attivitajiet abbażi ta' proposta mid-Direttur;

(b) jadotta kriterji u proċeduri għall-iffinanzjar, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-attivitajiet tal-KICs, abbażi ta' proposta mid-Direttur;

(c) jadotta l-proċedura ta' għażla tal-KICs;

(d) jagħżel u jaħtar sħubija bħala KIC jew jirtira l-ħatra jekk ikun meħtieġ;

(e) jiżgura valutazzjoni kontiwa tal-attivitajiet tal-KICs;

(f) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, dawk għall-Kumitat Eżekuttiv, kif ukoll ir-regoli finanzjarji speċifiċi tal-EIT;

(g) jiddefinixxi, bil-qbil tal-Kummissjoni, l-onorarji xierqa għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija u tal-Kumitat Eżekuttiv; dawn l-onorarji għandhom jitqabblu mal-kontributi simili fl-Istati Membri;

(h) jadotta proċedura għall-għażla tal-Kumitat Eżekuttiv u tad-Direttur;

(i) jaħtar u jekk meħtieġ ineħħi mill-kariga lid-Direttur, u jeżerċita awtorità dixxiplinari fuqu/fuqha;

(j) jaħtar l-Uffiċjal tal-Verifika tal-kontijiet u l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv;

(k) jadotta kodiċi ta' mġiba tajba dwar il-kunflitti ta' interess;

(l) jistabbilixxi fejn xieraq gruppi konsultattivi li jista' jkollhom mandat definit;

(m) jistabbilixxi Funzjoni ta' Verifika Interna skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002;

(n) ikollu s-setgħa li jistabbilixxi Fondazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Fondazzjoni EIT) bl-objettiv speċifiku tal-promozzjoni u l-appoġġ tal-attivitajiet tal-EIT;

(o) jiddeċiedi dwar ir-reġim lingwistiku tal-EIT filwaqt li jqis il-prinċipiji eżistenti dwar il-multilingwiżmu u r-rekwiżiti prattiċi tal-operati tiegħu.

(p) jippromwovi l-EIT globalment, sabiex iżid l-attrattività tiegħu u jagħmlu entità ta' klassi dinjija għall-eċċellenza fl-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

**Taqsima 3**

**Funzjonament tal-Bord tat-Tmexxija**

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jeleġġi l-President tiegħu minn fost il-membri maħtura. Il-mandat tal-President għandu jkun għal sentejn, li jista' jiġġedded darba.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjonijiet b'maġġoranza sempliċi tal-membri li għandhom id-dritt tal-vot.

Madankollu, id-deċiżjonijiet li jaqgħu taħt it-Taqsima 2(2) (a), (b), (c), (i) u (o), u t-Taqsima 3(1) għandhom jeħtieġu maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha tiegħu.

3. Il-membri rappreżentanti ma jistgħux jivvotaw dwar id-deċiżjonijiet taħt it-Taqsima 2(2) (b), (c), (d), (e), (f), (g) (i), (j), (k), (o) u (p)

4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiltaqa' f'sessjoni ordinarja mill-anqas tliet darbiet fis-sena u f'sessjoni straordinarja meta jitlaqqa' mill-President tiegħu jew fuq talba ta' mill-anqas terz tal-membri tiegħu.

5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun megħjun mill-Kumitat Eżekuttiv. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn tliet persuni fosthom il-President tal-Bord tat-Tmexxija li jippresjedi wkoll il-Kumitat Eżekuttiv. Iż-żewġ membri apparti l-President għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri maħtura tal-Bord tat-Tmexxija. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddelega kompiti speċifiċi lill-Kumitat Eżekuttiv.

**Taqsima 4**

**Id-Direttur**

6. Id-Direttur għandu jkun persuna ta' kompetenza u reputazzjoni għolja fl-oqsma li fihom jopera l-EIT. Id-Direttur għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija għal mandat ta' erba' snin. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jestendi dak il-mandat darba b'erba' snin meta jqis li l-interessi tal-EIT jinqdew aħjar jekk isir hekk.

7. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għall-operazzjonijiet u l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-IET u jkun ir-rappreżentant ġuridiku tiegħu. Id-Direttur għandu jkun responsabbli lejn il-Bord tat-Tmexxija u jirrapporta lilu fuq bażi kontinwa dwar l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-EIT.

8. Id-Direttur għandu b'mod partikolari:

(a) jorganizza u jmexxi l-attivitajiet tal-IET;

(b) jgħin lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Kumitat Eżekuttiv f'xogħolhom, jipprovdi lis-segretarjat l-informazzjoni kollha meħtieġa għal-laqgħat tagħhom għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;

(c) iħejji abbozz tal-ASI, programm progressiv preliminari u triennali ta' ħidma, l-abbozz tar-rapport annwali u l-abbozz tal-baġit annwali biex jiġu ppreżentati lill-Bord tat-Tmexxija;

(d) iħejji u jamministra l-proċedura tal-għażla għall-KICs u jiżgura li d-diversi stadji ta' dak il-proċess jitwettqu b'mod trasparenti u oġġettiv;

(e) jorganizza u jmexxi l-attivitajiet tal-EIT;

(f) iħejji, jinnegozja u jikkonkludi ftehimiet kuntrattwali mal-KICs;

(g) jorganizza l-Forum tal-Partijiet Interessati;

(h) jiżgura l-implimentazzjoni ta' proċeduri effikaċi ta' monitoraġġ u valutazzjoni fir-rigward tal-prestazzjoni tal-EIT skont l-Artikolu 16 tar-Regolament;

(i) ikun responsabbli għal kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji, fosthom l-implimentazzjoni tal-baġit tal-EIT. Għal dan, id-Direttur għandu jqis il-parir mogħti mill-Funzjoni ta’ Verifika Interna;

(j) ikun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha tal-persunal;

(k) jippreżenta l-abbozz tal-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ lill-Funzjoni ta' Verifika Interna, u sussegwentement lill-Bord tat-Tmexxija, permezz tal-Kumitat Eżekuttiv;

(l) jiżgura li jitwettqu l-obbligi tal-EIT fir-rigward tal-kuntratti u l-ftehimiet konklużi minnu;

## Taqsima 5

## Il-persunal tal-EIT

9. Il-persunal tal-EIT għandu jkun magħmul minn persuni impjegati direttament mill-EIT taħt kuntratti b'terminu fiss. Il-kundizzjonijiet tal-impjieg ta’ impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea għandhom japplikaw għad-Direttur u għall-Persunal tal-EIT.

10. Jistgħu jiġu ssekondati esperti, għal żmien limitat, mal-EIT mill-Istati parteċipanti jew minn oħrajn li jipprovdu x-xogħol.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta dispożizzjonijiet li jippermettu lill-esperti ssekondati mill-Istati parteċipanti jew minn oħrajn li jipprovdu x-xogħol biex jaħdmu mal-EIT u jiddefinixxi d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom.

11. L-EIT għandu jeżerċita, fir-rigward tal-persunal tiegħu, is-setgħat mogħtija lill-awtorità awtorizzata li tikkonkludi l-kuntratti mal-membri tal-persunal.

12. Jista' jiġi meħtieġ minn membru tal-persunal li jagħmel/tagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara, kompletament jew parzjalment, imġarrba mill-EIT bħala riżultat ta' kondotta serjament skorretta min-naħa tiegħu/tagħha matul il-qadi ta' dmirijietu/ha jew f’rabta mal-qadi ta' dmirijietu/ha.

## ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

*1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva*

*1.2. Qasam/oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura tal-ABM/ABB*

*1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva*

*1.4. Objettiv(i)*

*1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva*

*1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju*

*1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)*

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

*2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar*

*2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll*

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

**3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

*3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i*

*3.2. Stima tal-impatt fuq l-infiq*

*3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq l-infiq*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet tal-EIT*

*3.2.3. Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-EIT ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibilità mal-qafas finanzjarju multiannwali kurrenti*

*3.2.5. Parteċipazzjoni ta' parti terza fil-finanzjament*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Emenda tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)

### 1.2. Qasam/oqsma politiċi konċernati mill-istruttura tal-ABM/ABB[7]

Orizzont 2020 - Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)

15. Edukazzjoni u Kultura

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[8]

X Il-proposta/inizjattiva hija marbuta mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettivi

*1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni mmirat/i mill-proposta/inizjattiva*

Il-missjoni ġenerali ewlenija għall-EIT għall-perjodu 2014-2020 hija li jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività ekonomika fl-Ewropa, b'mod sostenibbli, bit-tisħiħ tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni. Dan għandu jagħmlu billi jippromwovi u jintegra l-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-ogħla standards. Wara perjodu inizjali, l-istrateġija fit-tul tal-EIT trid tiġi mwaqqfa fl-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (ASI), li trid tiġi adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni. L-ASI tkompli fuq il-verżjoni mibgħuta f'Ġunju 2011 lill-Kummissjoni mill-Bord tat-Tmexxija tal-EIT. L-ASI hija dokument ta' politika li jiddeskrivi fil-qosor l-oqsma ta' prijorità tal-EIT għall-ġejjieni, inkluża ħarsa ġenerali tal-attivitajiet ippjanati għal perjodu ta' seba' snin, b'mod partikolari, l-oqsma ta' prijorità għall-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni (KICs) u l-għażla u l-ħatra tagħhom.

Għall-perjodu 2014-2020 l-EIT se jkollu rwol ewlieni fl-Orizzont 2020, il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li minnu se jirċievi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 3,182.230 biljuni (prezzijiet attwali) kif stabbilit bl-Artikolu 6.3 tar-Regolament Nru XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Orizzont 2020, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. L-Orizzont 2020 jinbena madwar it-tliet pilastri komplementari u interkonnessi li ġejjin: *L-eċċellenza fix-xjenza; L-indirizzar tal-isfidi imposti mis-soċjetà; Il-ħolqien ta' oqfsa kompetittivi u ta' primat industrijali.* L-EIT

[7] ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività – ABB: Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività ("Activity-Based Budgeting").
[8] Kif jissemma fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

se jikkontribwixxi l-aktar għall-pilastru "*L-indirizzar tal-isfidi imposti mis-soċjetà*" permezz tal-attivitajiet ta' innovazzjoni tiegħu u l-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien. Madankollu, minħabba n-natura integrata u trażversali tiegħu, se jkun hemm sinerġiji ma' pilastri oħra, b'mod partikolari l-pilastru tal-"kompetittività".

L-ewwel allokazzjoni ta' EUR 1.493 miljuni tingħata lill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għal attivitajiet li jaqgħu taħt it-Titolu XVII tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. It-tieni allokazzjoni li tilħaq EUR 1.689 tingħata soġġetta għar-reviżjoni stabbilita fl-Artikolu 26 (1) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Orizzont 2020. Dan l-ammont addizzjonali jingħata fuq bażi pro-rata, kif jidher fl-Anness II, mill-ammont għall-objettiv speċifiku "Il-Primat fil-potenzjament u teknoloġiji industrijali" fi ħdan il-prijorità dwar il-primat industrijali stabbilit fil-paragrafu 2(b) u mill-ammont għall-prijorità dwar l-isfidi imposti mis-soċjetà stabbilit fi 2(c).

Dan il-finanzjament f'żewġ allokazzjonijiet multiannwali se jkopri:

- fl-ewwel allokazzjoni, l-iżviluppi għaddejjin bħalissa għall-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni attwali (minn issa 'l quddiem KICs) u somma ta' flus inizjali għat-tnedija tat-tieni verżjoni ta' tliet KICs ġodda

- fit-tieni allokazzjoni, l-iżviluppi għaddejjin bħalissa tal-KICs diġà mnedija u somma ta' flus inizjali għat-tnedija tat-tielet verżjoni ta' tliet KICs ġodda

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-EIT hija msejsa fuq nefqa meħtieġa għall-konsolidament tat-tliet KICs attwali (madwar EUR 1.691 miljuni – 53.15% tal-baġit totali tal-EIT), l-iżvilupp bil-mod il-mod lejn KIC ġodda fl-2014 (EUR 1.012-il miljun – 31.81% tal-baġit totali tal-EIT) u fl-2018 (EUR 259.75 miljuni – 8.16% tal-baġit totali tal-EIT), attivitajiet ta' tixrid u ta' sensibilizzazzjoni (EUR 141.762 miljun – 4,45% tal-baġit totali tal-EIT) u nefqa amministrattiva (EUR 77 miljun – 2.42% tal-baġit totali tal-EIT),

Il-baġit ppjanat tal-EIT għall-KICs matul il-perjodu 2014-2020, li jikkorrispondi għal 25% tal-baġit tal-KICs (attivitajiet ta' valur miżjud tal-KIC), huwa ta' EUR 2.963.506 miljuni (93,13% tal-baġit totali tal-EIT għall-perjodu 2014/2020). Il-KICs huma mistennija li b'hekk jimmobilizzaw EUR 8.890 biljuni oħra ta' sorsi oħra pubbliċi u privati (effett ta' leva).

Il-kontribuzzjoni mill-imsieħba tal-KIC mhiex rekwiżit ta' għotja klassika ta' "ko-finanzjament" iżda pre-rekwiżit għal livell minimu ta' involviment ta' organizzazzjonijiet attwali u l-impenn finanzjarju tagħhom lejn il-KIC. Dan l-approċċ minn isfel 'l fuq : (a) jiggarantixxi impenn qawwi mill-imsieħba tal-KIC (b) jagħti inċentiv għall-investiment u (c) jistimula tibdil strutturali u organizzattiv fost l-imsieħba tal-KIC u lil hinn minn hekk.

1.4.2. *L-objettiv/i) speċifiku/ċi u l-attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernati*

Objettivi speċifiċi

Kif iddefinit bir-Regolament XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Orizzont 2020, il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-objettiv tal-EIT huwa li tiġi megħluba l-frammentazzjoni fil-perspettiva ta' innovazzjoni Ewropea u li titjieb l-attrattività tal-Ewropa bħala mkien ta' għażla għat-talent u għall-imprendituri tal-ogħla livell.

Dan l-objettiv se jkun implimentat permezz tal-objettivi u l-kontributi speċifiċi li ġejjin:

– It-tisħiħ tat-tliet KICs attwali bit-trawwim tat-tkabbir, tal-impatt u tas-sostenibbiltà tagħhom;

– L-iżvilupp bil-mod il-mod lejn KICs ġodda;

– It-titjib tal-impatt tal-EIT permezz tal-qsim tal-għarfien, it-tixrid, is-sensibilizzazzjoni u l-espożizzjoni internazzjonali.

F’dan il-kuntest, l-EIT se jikkontribwixxi għall-ksib tagħhom permezz tal-objettivi operattivi li ġejjin:

– Jintegra t-triangolu tal-għarfien (ta' riċerka, innovazzjoni u edukazzjoni) biex joħloq valur ekonomiku u soċjali u jtejjeb id-dħul minn livelli ogħla ta' kollaborazzjoni u ko-operazzjoni.

– Ittejjeb l-attrattiva u r-rilevanza kummerċjali tal-opportunitajiet ta’ edukazzjoni ta’ wara l-ewwel lawrea biex jiġbed, jiżviluppa u jżomm il-ħiliet xierqa mal-UE kollha.

– Jisfrutta l-potenzjal mhux biżżejjed utilizzat tal-forzi tar-riċerka tal-UE biex jinkiseb rendiment akbar fis-swieq tal-prodotti u tax-xogħol.

– Jiżviluppa ħoloq ta’ kollaborazzjoni effettiva bejn iċ-ċentri ta’ eċċellenza biex tinħoloq massa kritika għal innovazzjoni u edukazzjoni avanzata.

– Iġib ’il quddiem l-iżvilupp ta’ prodotti u proċessi innovattivi fejn il-fallimenti tas-suq iwasslu għal forniment taħt il-livell ottimali.

– Isaħħaħ il-kapaċità għall-intrapriża mal-Ewropa kollha biex joħloq attività kummerċjali ġdida u żieda fit-twettiq tal-valur potenzjali tal-kontributi ta’ riċerka u dawk edukattivi.

– Isaħħaħ iċ-ċentri attwali u potenzjali ta’ riċerka, innovazzjoni u eċċellenza edukattiva fl-UE biex jipproduċi ċentri ta’ attività kompetittivi mad-dinja kollha magħrufa għall-eċċellenza fid-dinja kollha.

– Jindirizza d-differenzi fil-kapaċità ta’ innovazzjoni mal-UE kollha bl-iżvilupp u l-qsim tal-għarfien tar-riżultati tal-mudelli ġodda tal-prassi ta’ innovazzjoni u l-governanza.

<u>Attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernati</u>

15 - Edukazzjoni u Kultura - L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistenni(ja)*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi ta’ mira.*

Il-proposta twassal għal livell miżjud ta’ innovazzjoni u riċerka. Se ttejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-isforzi ta’ innovazzjoni billi tindirizza l-frammentazzjoni u tikseb il-massa kritika. Barra minn hekk, tiġġenera valur billi tikkapitalizza fuq ir-riċerka attwali u tkabbar ir-rilevanza tas-suq kif ukoll billi tipprovdi titjib fuq in-naħa tal-provvista fil-proċess ta’ innovazzjoni. Element qawwi tal-attività tal-EIT huwa li tħeġġeġ it-tibdil fil-provvista tal-edukazzjoni ogħla fl-UE, b’mod partikolari permezz ta’ tikketta ta' kwalità tal-EIT għall-korsijiet ta’ wara l-ewwel lawrea. Dan se jaffettwa b’mod pożittiv il-provvista transkonfinali tal-edukazzjoni u jtejjeb l-aċċess għall-korsijiet rilevanti.
Minħabba l-approċċ multi- u trans-dixxiplinari adottat fil-KICs, is-setturi tal-oqsma ta’ prijorità tal-EIT se jkollhom potenzal ta’ impenn fl-ambitu tal-EIT. L-impatti territorjali tal-EIT x’aktarx ikunu sinifikattivi. Ir-reġjuni li huma sit ta’ ċentri għal ko-lokazzjoni se jkollhom opportunitajiet li jiksbu benefiċċji pożittivi permezz ta’ ekonomiji ta’ agglomerazzjoni u l-ħsad ta’ esternalitajiet pożittivi. Dawn l-opportunitajiet se jitrawmu jekk tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn l-imsieħba tal-KIC fir-reġjuni u l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet involuti fit-tfassil u t-twettiq tal-Istrateġiji ta’ Innovazzjoni Reġjonali.
Id-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-istima tal-impatt tal-EIT (IA) mehmuż ma’ din il-proposta leġiżlattiva fih aktar tagħrif fid-dettall.

### 1.4.4. *Indikaturi ta' riżultati u impatti*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva*

Biex titkejjel il-kisba tal-objettivi speċifiċi tal-EIT hemm sett ta' indikaturi fir-Regolament XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Orizzont 2020. Bi tkomplija ta' dan is-sett ta' indikaturi, il-kisba tal-objettivi operattivi tal-EIT se titkejjel permezz tas-sett ta' indikaturi li ġejjin:

| | |
|---|---|
| L-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien (ta' riċerka, innovazzjoni u edukazzjoni) biex jinħoloq valur ekonomiku u soċjali u jitjieb id-dħul minn livelli ogħla ta' kollaborazzjoni u ko-operazzjoni.<br><br>It-tisħiħ taċ-ċentri attwali u potenzjali ta' riċerka, innovazzjoni u eċċellenza edukattiva fl-UE biex jiġu prodotti ċentri ta' attività kompetittivi mad-dinja kollha magħrufa għall-eċċellenza fid-dinja kollha.<br><br>L-isfruttar tal-potenzjal mhux biżżejjed utilizzat tal-forzi tar-riċerka tal-UE biex jinkiseb rendiment akbar fis-swieq tal-prodotti u tax-xogħol. | – 540 organizzazzzjoni minn universitajiet, ambjenti ta' negozju u riċerka li jikkooperaw mill-qrib fi ħdan KICs integrati;<br><br>– 80 organizzazzzjoni addizzjonali miżjuda mal-KICs diġà maħtura;<br><br>– 9 ftehimiet dwar ġestjoni u użu ta' proprjetà intellettwali fi ħdan il-KICs.<br><br>– EUR 8.890 biljun biljun minn sorsi oħra finanzjarji mobilizzati tal-EIT, li jikkorrispondu għal finanzjament ta' 75% tal-baġit totali tal-KICs (effett ta' leva tas-sorsi pubbliċi u privati); |
| It-titjib tal-attrattività u r-rilevanza kummerċjali tal-opportunitajiet ta' edukazzjoni ta' wara l-ewwel lawrea biex jinġibdu, jiġu żviluppati u jinżammu l-ħiliet xierqa mal-UE kollha. | – 25 kurrikulum intraprenditorjali żviluppati;<br><br>– 85 modulu edukattiv u ta' taħriġ organizzati, inklużi lawrei bit-tiketta tal-EIT |
| L-iżvilupp ta' ħoloq ta' kollaborazzjoni effettiva bejn iċ-ċentri ta' eċċellenza biex tinħoloq massa kritika għal innovazzjoni u edukazzjoni avanzata. | – tliet KICs fil-fażi ta' "ritmu b'saħħtu", tlieta fil-fażi ta' "żvilupp" u tlieta fil-fażi ta' "bidu/żvilupp".<br><br>– 45 ċentru ta' ko-lokazzjoni ta' KIC stabbiliti li jipprovdu kooperazzjoni wiċċ imbwiċċ; |
| Il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' prodotti u proċessi innovattivi fejn il-fallimenti tas-suq iwasslu għal forniment taħt livell ottimali. | – 600 impriżi ġodda u li qabdu ritmu b'saħħtu maħluqa mill-istudenti/riċerkaturi/professuri tal-KICs;<br><br>– 6000 innovazzjoni f'impriżi attwali żviluppati mill-istudenti/riċerkaturi/professuri tal-KIC;<br><br>– 3000 liċenzja u servizz ta' konsulta. |
| It-tisħiħ tal-kapaċità għall-intrapriża mal-Ewropa kollha biex tinħoloq attività kummerċjali ġdida u żieda fit-twettiq tal-valur potenzjali tal-kontributi ta' riċerka u dawk edukattivi. | – 10.000 *student f'korsijiet ta' laurea Master tal-EIT;*<br><br>– 10.000 student f'korsijiet ta' laurea PhD tal-EIT;<br><br>– 20.000 student u għalliem imħarrġa f'korsijiet ta' intrapriża mhux ta' laurea; |

| | |
|---|---|
| | – 100% tal-istudenti universitarji kellhom esperjenza ta' mobbiltà ġeografika u mobbiltà bejn l-ambjent akkademiku u dak tan-negozju;<br><br>– 25% tal-għalliema kellhom esperjenza ta' mobbiltà internazzjonali u mobbiltà bejn l-ambjent akkademiku u dak tan-negozju;<br><br>– tal-inqas 25% tal-istudenti u l-għalliema għandhom jiġu ingaġġati internazzjonalment. |
| L-indirizzar tad-differenzi fil-kapaċità ta' innovazzjoni mal-UE kollha bl-iżvilupp u l-qsim tal-għarfien tar-riżultati tal-mudelli ġodda tal-prassi ta' innovazzjoni u l-governanza | – 600 organizzazzjoni, li ma jieħdux sehem fil-KICs, li jibbenefikaw minn attivitajiet ta' tixrid u ta' sensibilizzazzjoni tal-EIT;<br><br>– 40 avveniment ta' prassi tajba organizzati mill-EIT/KICs;<br><br>– 2.500 individwu li jibbenefikaw mill-aqwa prassi tal-KICs permezz ta' skemi ta' fellowship. |

### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

#### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jridu jintlaħqu fuq perjodu ta' żmien qasir jew twil*

– It-tisħiħ tat-tliet KICs attwali[9] bit-trawwim tat-tkabbir, tal-impatt u tas-sostenibbiltà tagħhom;

– L-iżvilupp bil-mod il-mod lejn KICs ġodda bl-iżgurar tal-għażla u t-twettiq. Hemm il-ħsieb li jikber l-għadd ta' KICs bi tliet KICs ġodda fl-2014 u tlieta oħra fl-2018.

– It-titjib tal-impatt tal-EIT permezz tal-qsim tal-għarfien, it-tixrid, is-sensibilizzazzjoni u l-espożizzjoni internazzjonali. Abbażi ta' esperjenza ta' KICs eċċellenti, l-EIT - permezz ta' tixrid immirat u miżuri ta' qsim ta' għarfien se jiżgura li dawn l-esperjenzi jinqasmu lil hinn mill-KICs u b'hekk jiġieb 'il quddiem proċess ta' tagħlim reċiproku li jħalli l-frott u adozzjoni aktar mgħaġġla ta' mudelli ta' innovazzjoni ġodda mal-Unjoni kollha u l-Istati Membri tagħha.

#### *1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-EIT jorbot b'mod espliċitu ċ-ċiklu sħiħ ta' innovazzjoni mill-edukazzjoni u l-ħolqien tal-għarfien sal-approċċi innovattivi f'kumpaniji ġodda u attwali. L-approċċ tiegħu jirrappreżenta għadd ta' elementi li permezz tagħhom iġib il-valur miżjud veru fil-livell tal-UE:

- **Tiġi megħluba** l-frammentazzjoni permezz ta' sħubiji integrati fuq medda twila ta' żmien u tinkiseb il-massa kritika permezz tad-dimensjoni Ewropea. Abbażi tal-inizjattivi attwali ta' kooperazzjoni, l-EIT iġib is-sħubiji magħżula fil-KICs f'livell aktar permanenti u strateġiku. Il-KICs jippermettu li msieħba ta' klassi dinjija jiltaqgħu flimkien f'konfigurazzjonijiet ġodda, itejbu kemm jista' jkun ir-riżorsi attwali, jkollhom aċċess għal opportunitajiet ġodda ta' negozju permezz ta' katini ta' valur ġodda li jindirizzaw riskji

[9] Fl-2009 l-EIT ħatar tliet KIC fl-oqsma li ġejjin: adattament u taffijja tal-bidla fil-klima (KIC Klima), is-soċjetà tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tal-ġejjieni (Laboratorji EIT ICT) u enerġija sostenibbli (KIC InnoEnerġija).

oghla, sfidi ta' skala ikbar. Barra minn hekk, filwaqt li hemm għadd sinifikattiv ta' ċentri ta' eċċellenza mal-Istati Membri kollha tal-UE, ta' sikwiet ma jiksbux il-massa kritika għall-kompetizzjoni dinjija individwalment. Iċ-ċentri ta' kolokazzjoni tal-KIC joffru lill-atturi lokali ta' saħħa l-opportunità li jikkomunikaw mill-qrib ma' msieħba eċċellenti oħrajn fi ħdan il-qafas strateġiku ġenerali offrut mill-KIC bħala tali, biex b'hekk ikunu jistgħu jaġixxu u jkunu magħrufa fid-dinja kollha.

- **It-titjib tal-impatt tal-investimenti fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-ittestjar ta' toroq ġodda għall-governanza tal-innovazzjoni:** L-EIT jaġixxi bħala katalista, filwaqt li jżid il-valur tal-bażi ta' riċerka attwali, billi jaċċellera l-adozzjoni u l-isfruttament ta' riżultati ta' teknoloġiji u riċerka. L-attivitajiet ta' innovazzjoni min-naħa tagħhom jikkontribwixxu fl-allinjament u l-isfruttament tal-investimenti fir-riċerka u biex l-attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ iwieġbu aktar għall-ħtiġijiet tan-negozju. Abbażi ta' dan, jista' jiġi ġġenerat proċess virtwuż ta' interazzjoni għolja. Għal dan il-għan, l-EIT ġie mgħammar bi grad għoli ta' flessibbiltà biex jiġu ttestjati mudelli ġodda ta' innovazzjoni, hekk li jiffaċilita differenzjazzjoni vera bejn il-mudelli ta' governanza u ta' finanzjament tal-KICs u l-adattament rapidu biex jiġu indirizzati aħjar l-opportunitajiet li jitfaċċaw fl-oqsma rispettivi.

- **Il-koltivazzjoni tat-talent minn pajjiż għal ieħor u t-trawwim tal-ispirtu ta' intrapriża permezz tal-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien:** L-EIT jikkoltiva l-innovazzjoni maħluqa min-nies u jqiegħed lill-istudenti, ir-riċerkaturi u l-intraprendituri fil-qalba tal-isforzi tiegħu. L-EIT jipprovdi toroq ġodda fil-karriera bejn id-dinja akkademika u s-settur privat u jipprovdi skemi innovattivi għall-iżvilupp professjonali. It-tiketta tal-EIT imwaħħla mal-programmi innovattivi tal-lawrji ta' Master u PhD tal-KICs se tikkontribwixxi fil-ħolqien ta' marka ta' eċċellenza magħrufa internazzjonalment u dan se jgħin biex ikun hemm aktar talent mill-Ewropa u barra mill-Ewropa. L-ispirtu ta' intrapriża jitrawwem permezz ta' ġenerazzjoni ġdida ta' studenti ta' standard internazzjonali, mgħammra bl-għarfien u l-attitudnijiet li l-ideat jagħmluhom opportunitajiet ta' negozju, biex b'hekk jikkontribwixxu fl-isfruttament effettiv tal-għarfien u l-approprjazzjoni tar-rendiment mill-investiment mid-ditti.

*1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat*

L-EIT temmet il-fażi inizjali b'suċċess, li kienet dedikata għat-twaqqif tal-funzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet u dawk eżekuttivi tal-EIT - Bord tat-Tmexxija u Kwartieri Ġenerali - kif ukoll il-fergħa operattiva, jiġifieri il-Komunitajiet tal-Gharfien u l-Innovazzjoni (KICs).

Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok aqra l-"Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni għall-EIT".

Mill-punt finanzjarju, l-aspetti ewlenin li ġew esperjenzati mit-twaqqif inizjali tal-KICs huma dawn li ġejjin:

- Il-mod ta' finanzjament tal-EIT li jserraħ fuq il-forzi u r-riżorsi konġunti ta' organizzazzjonijiet eċċellenti attwali bl-iffinanzjar tal-EIT li jaġixxi bħala katalista għall-isfruttament u l-ġbir flimkien tar-riżorsi finanzjarji minn medda wiesgħa ta' msieħba pubbliċi u privati jidher xieraq. Għaldaqstant, l-iffinanzjar tal-EIT huwa previst biss għal "attivitajiet ta' valur miżjud tal-KIC", b'mod partikolari l-edukazzjoni, l-intrapriża u proġetti ta' ħolqien ta' negozju tal-KICs, li jżidu mal-investiment f'attivitajiet stabbiliti sewwa (pereżempju proġetti ta' riċerka attwali).

- Il-KICs jgħaddu minn bosta fażijiet ta' żvilupp b'karatteristiċi differenti għal dak li huwa valur tal-baġits totali tagħhom. Il-ħtieġa tagħhom ta' finanzjament u l-kapaċità ta' assorbiment hija relattivament limitata fil-bidu nett, matul il-fażi ta' twaqqif, iżda tiżviluppa b'mod sostanzjali matul is-snin ta' wara. Il-perjodu ta' ħajja ta' ħmistax-il sena tal-KIC ikopri l-fażijiet li ġejjin:

– il-fażi tat-"twaqqif" ta' sentejn: dan huwa ż-żmien biex il-KIC jorganizza lilu nnifsu, iwaqqaf strutturi finanzjarji u legali meħtieġa kif ukoll jingaġġa l-personal adatt. Matul dan il-perjodu l-kontribuzzjoni tal-EIT se tiżgura medja ta' 35% tal-baġit tal-KIC individwali, li jikkorrispondu għal EUR 28 miljun.

– il-fażi tal-"iżvilupp" ta' tliet snin: wieħed jassumi li l-KIC diġà jkun stabbilit u jkun beda jimplimenta l-attivitajiet ewlenin tiegħu, iżda jkun għadu jespandi b'mod dinamiku f'termini ta' ambitu ta' attivitajiet u l-għadd ta' msieħba. Matul dan il-perjodu l-kontribuzzjoni tal-EIT se tiżgura madwar 26% tal-baġit tal-KIC individwali, li jikkorrispondu għal EUR 154,7 miljun.

– il-fażi ta' "ritmu b'saħħtu" ta' sitt snin: KIC għandu struttura stabbli b'ambitu ta' attivitajiet iddefinit sewwa. Matul dan il-perjodu l-kontribuzzjoni tal-EIT se tiżgura medja ta' 25% tal-baġit tal-KIC individwali, li jikkorrispondu għal EUR 475.5 miljun.

– il-fażi ta' "ilħuq tas-sostenibbiltà" ta' erba' snin: l-attivitajiet tal-KIC huma simili għall-fażi ta' "ritmu b'saħħtu" filwaqt li l-kontribuzzjoni tal-EIT se tonqos bil-mod il-mod biex KIC jiżgura sorsi oħra ta' dħul. Matul dan il-perjodu l-kontribuzzjoni tal-EIT se tiżgura bħala medja 22% tal-baġit individwali ta' KICs li jikkorrispondu għal EUR 258 miljun.

*1.5.4. Il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

L-interrelazzjonijiet bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni dejjem qed isibu aktar għarfien fi ħdan l-inizjattivi u l-programmi tal-UE. Hemm potenzjal kbir għal azzjonijiet li jsaħħu lil xulxin, u l-qafas strateġiku pprovdut minn **Orizzont 2020** se jkompli jiżgura li dawn is-sinerġiji jiġu sfruttati aħjar.
L-EIT se jikkontribwixxi b'qawwa għall-objettivi stabbiliti fl-Orizzont 2020, b'mod partikolari billi jindirizza sfidi imposti mis-soċjetà b'mod komplementari ma' inizjattivi oħra f'dawn l-oqsma. L-EIT b'dan se jikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għall-promozzjoni tal-kundizzjonijiet ta' qafas meħtieġa biex iseħħ il-potenzjal innovattiv tar-riċerka tal-UE u biex it-tlestija taż-Żona ta' Riċerka Ewropea (ERA) tinġieb 'il quddiem.
Barra minn hekk, l-EIT iġib dimensjoni edukattiva fil-veru sens tal-kelma fil-politika ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE. Permezz ta' edukazzjoni intraprenditorjali innovattiva huwa għandu r-rwol importanti ta' pont bejn il-Qafas ta' Riċerka u Innovazzjoni u l-politiki u l-programmi edukattivi u jipprovdi l-kontinwità u l-impenn istituzzjonali fuq medda twila ta' żmien meħtieġa għat-twettiq tat-tibdil sostenibbli fl-**edukazzjoni ogħla**.
Barra minn hekk, hemm opportunitajiet biex b'mod reċiproku tissaħħaħ l-interazzjoni mal-**Politika ta' Koeżjoni** tal-Unjoni billi jiġu indirizzati r-rabtiet bejn l-aspetti lokali u dawk dinjija ta' innovazzjoni. Iċ-ċentri ta' kolokazzjoni jipprovdu għal kollaborazzjoni transkonfinali fi ħdan u barra min-netwerks tal-KIC u jinsabu f'qagħda tajba biex jikkapitalizzaw u jibbenefikaw minn bosta skemi ta' finanzjament mir-reġjuni rispettivi tagħhom.
Filwaqt li l-opportunitajiet għas-sinerġiji jvarjaw skont il-qasam tematiku ta' KIC, għadd ta' inizjattivi u programmi fil-livell tal-UE jidhru partikolarment lesti li joffru benefiċċji mill-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni.
**L-Inizjattivi ta' Pprogrammar Konġunti**, għodda ewlenija biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni fir-riċerka, għandhom jipprovdu l-qalba tal-bażi ta' riċerka pan-Ewropea tal-KIC. Min-naħa tagħhom, il-KICs jistgħu jaċċelleraw u jrawwmu l-isfruttament tar-riċerka pubblika ta' eċċellenza

miġbura flimkien mill-JPI, u b'hekk tiġi indirizzata l-frammentazzjoni fl-innovazzjoni. L-Inizjattivi ta' Teknoloġija Konġunti (JTI) u s-**Sħubiji Pubbliċi u Privati** li dan l-aħħar ġew stabbiliti jipprovdu pjattaformi għall-promozzjoni tar-riċerka fuq skala kbira mmexxija mill-industrija u jtejbu l-iżvilupp ta' teknoloġiji ewlenin. Il-KICs jistgħu jgħinu jikkatalizzaw dawn l-investimenti ewlenin ta' riċerka biex jamplifikaw it-trasferiment u l-kummerċjalizzazzjoni tat-teknoloġija u biex jiżviluppaw inizjattivi ġodda fl-impriżi attwali permezz tal-aqwa talent intraprenditorjali. Permezz tal-approċċ tiegħu tat-triangolu tal-għarfien, l-EIT se jikkomplementa l-investiment tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC) fl-aqwa riċerka ta' klassi dinjija billi jindirizza l-katina kollha ta' innovazzjoni mill-idea sal-applikazzjoni u l-isfruttament tagħha u jipprovdi opportunitajiet addizzjonali ta' innovazzjoni u espożizzjoni għall-imprenditorjalità lir-riċerkaturi tal-"**Marie Curie"** u lill-istudenti tal-"**Erasmus għal kulħadd"**.
**Is-sħubiji Ewropej ta' Innovazzjoni** li jmiss se jipprovdu oqfsa ġenerali biex jiffaċilitaw l-allinjament u s-sinerġiji fost l-istrumenti u l-politiki attwali ta' riċerka u innovazzjoni li jiddependu mid-domanda u l-provvista. Għall-interazzjonijiet mas-Sħubiji Ewropej ta' Innovazzjoni (EIP), it-tqassim tal-KICs jipprovdi netwerk strutturat ta' professjonisti f'qagħda tajba biex jidentifikaw il-kondizzjonijiet qafas u l-aqwa prassi dwar politika, kwistjonijiet ta' regolazzjoni jew ta' standardizzazzjoni li għandhom impatt f'xi settur jew sfida partikolari.

## 1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

Proposta/inizjattiva ta’ **tul ta’ żmien limitat**

– X Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

– Impatt finanzjarju minn 01/01/2014 sa 31/12/2022

– ☐ Proposta/inizjattiva ta’ **tul ta’ żmien illimitat**

– ☐ Impatt finanzjarju minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

## 1.7. Mod(i) ta’ ġestjoni pprospettat(i)[10]

**Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

X **Ġestjoni ċentralizzata indiretta** bid-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– X entitajiet stabbiliti mill-Unjoni Ewropea[11]

– ☐ entitajiet tas-settur pubbliku nazzjonali/entitajiet b’missjoni ta’ servizz pubbliku

– ☐ persuni inkarigati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma’ pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali (***li jridu jiġu speċifikati***)

[10] Id-dettalji dwar il-modi ta’ ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[11] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

Is-simplifikazzjoni u l-flessibbiltà jitqiesu bħala kruċjali għas-suċċess tal-EIT u l-involviment tal-komunità tan-negozju. Wara l-perjodu inizjali, għad hemm lok biex l-EIT jisfrutta l-flessibbiltà tiegħu kollha biex iġib is-simplifikazzjoni aktar 'il quddiem.

Is-simplifikazzjoni, implimentata b'mod responsabbli u trasparenti, hija indispensabbli għall-EIT biex jikseb riżultati effettivi u jippromwovi r-rivoluzzjonijiet innovattivi. L-EIT jqis is-simplifikazzjoni bħala proċess dinamiku, b'għeruqu fit-tħaddim tal-EIT u parti integrali tal-funzjoni tiegħu ta' appoġġ għall-KICs. Għal dan il-għan, l-EIT se jirsisti biex jadatta, itejjeb u jissimplifika l-proċessi interni tiegħu u se jfittex bla waqfien approċċi ssimplifikati li jistgħu jgħinu lill-KICs ilaħħqu mal-ħtiġijiet ġodda u emerġenti u jsaħħaħ l-impatt tagħhom.

**Simplifikazzjoni operattiva:**

Permezz tal-esperimentazzjoni u l-esperjenza tal-KICs, l-EIT se jwettaq aġenda ta' simplifikazzjoni fl-oqsma ewlenin, *inklużi kriterji ta' paragun biex jevalwa l-progress u jirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni permezz tal-Programm Triennali ta' Ħidma.*

Il-Kummissjoni se tissorvelja mill-qrib l-kapaċità tal-EIT li jwettqu l-aktar ftehimiet u prinċipji sempliċi għall-iffinanzjar u l-ġestjoni tal-attivitajiet tal-KICs, abbażi tal-aġenda ta' simplifikazzjoni stess tal-EIT.

Simplifikazzjoni finanzjarja:

Billi wieħed mill-objettivi tal-EIT huwa li jiffaċilita l-parteċipazzjoni tas-settur privat[12], ir-Regoli Finanzjarji tal-EIT, li jissejsu fuq ir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas b'derogi speċifiċi mogħtija mill-Kummissjoni, jeħtieġ li jirriflettu l-objettivi tiegħu u l-ħtieġa għal biżżejjed flessibbiltà operattiva li tkun ta' interess għall-imsieħba tiegħu tan-negozju u tal-ambjent tar-riċerka/akkademiku.

Mill-banda l-oħra, kif stipulat bl-Artikolu 1 tar-Regolament li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid fl-ambitu tal-Orizzont 2020, se jintalbu regoli, jekk ikun hemm bżonn, li jitbegħdu minn dawk stipulati f'dan ir-Regolament, jew fir-Regolament UE Nru XX/2012 (ir-Regolament Finanzjarju), filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-EIT u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-EIT. (jiġifieri sejħa għal ħatra u għażla ta' edizzjonijiet ġodda tal-KICs minflok sejħa għall-proposti).

Biex jintlaħaq l-objettiv ta' simplifikazzjoni, għadd ta' miżuri se jiġu implimentati fil-proċess ta' ġestjoni tal-għotjiet, bi qbil mas-simplifikazzjoni tar-regoli ta' finanzjament proposti fl-ambitu tal-Orrizont 2020. Dan jiġi pprovdut permezz ta':

- Rimborż simplifikat tal-ispejjeż reali diretti, b'aċċettazzjoni usa' tal-kontabbiltà normali tal-KICs, inkluża l-eliġibbiltà ta' ċerti taxxi u imposti;

[12] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 2661 tat-3 ta' Marzu 2009 li tagħti l-kunsens għad-derogi mitluba mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju Qafas għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolamement tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002

- Il-possibbiltà li jintużaw l-ispejjeż tal-persunal unitarji (spejjeż medji tal-persunal) għall-KICs li għalihom dan huwa l-metodu ta' kontabbiltà normali, u għal sidien ta' SMEs mingħajr salarju;

- Simplifikazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-ħin billi jiġi pprovdut sett ċar u sempliċi ta' kundizzjonijiet minimi, b'mod partikolari l-abolizzjoni tal-obbligi tar-reġistrazzjoni tal-ħin għall-persunal li jaħdem il-ħin kollu tal-ġurnata/aktar min-nofs il-ħin tal-ġurnata fuq il-proġett tal-UE;

- Rata waħda ta' rimborż għall-KICs kollha;

- Rata waħda fissa li tkopri l-ispejjeż indiretti bħala regola ġenerali;

- Sistema ta' spejjeż unitarji u rati fissi għall-boroż ta' studju;

- Strateġija ta' kontroll, kif deskritt fit-taqsima 2.2.2, bl-ilħuq ta' bilanċ bejn il-fiduċja u l-kontroll tkompli tnaqqas il-piż amminsitrattiv għall-KICs.

- Skont ir-Regoli għall-Parteċipazzjoni proposti fl-ambitu tal-Orizzont 2020, il-valur tal-kontribuzzjonijiet innatura pprovduti lill-KICs minn partijiet terzi jista' jkun eliġibbli, u dan jikkostitwixxi bidla ewlenija bi tqabbil mar-regoli attwali ta' eliġibbiltà tal-ispejjeż.

## 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet*

Ir-regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar se jiġu stabbiliti skont l-effiċjenza u l-effikaċja tal-ispejjeż, abbażi tal-esperjenza miksuba. Se jkunu bbażati fuq strateġija komprensiva, fil-ħin u armonizzata, b'attenzjoni qawwija fuq il-kontributi, ir-riżultati u l-impatti (ara t-taqsima 1.4.4 ta' dan id-dokument).

<u>**MONITORAĠĠ**</u>

Il-Kummissjoni saħħet l-isforzi tagħha fl-appoġġ tal-EIT fit-twaqqif ta' sistema ta' monitoraġġ soda u solida orjentata lejn ir-riżultati. Is-sistema ta' monitoraġġ għandha tagħraf l-indipendenza tal-EIT u l-awtonomija tal-KIC u r-relazzjonijiet kuntrattwali ta' bejnithom. Fl-istess waqt, is-sistema ta' monitoraġġ għandha tiżgura trasparenza sħiħa tal-EIT u flessibbiltà sħiħa tal-KIC fit-twettiq tal-pjanijiet ta' negozju tagħhom. Il-Kummissjoni se tikkoopera mal-EIT biex tkejjel il-progress miksub.

Il-monitoraġġ tal-EIT se jitwaqqaf b'konformità mal-erba' saffi li ġejjin:

1. <u>Monitoraġġ ta' KIC abbażi tal-miri individwali tiegħu u l-Indikaturi ta' Rendiment Ewlieni (KPI)</u> stipulati fil-pjanijiet imprenditorjali tal-KIC. Se jingħata grad sostanzjali ta' flessibbiltà lill-KICs (approċċ minn isfel għal fuq) biex jiddefinixxu l-istrateġiji interni u l-organizzazzjoni tagħhom kif ukoll biex jiddefinixxu l-attivitajiet tagħhom u jimmobilizzaw ir-riżorsi meħtieġa.

2. <u>Il-monitoraġġ tal-EIT tal-KICs kollha,</u> li se jiffoka fuq serje ta' objettivi strateġiċi tal-EIT, kif iddefinit fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-EIT, li jkopri stt komuni ta' indikaturi komuni għall-KICs kollha. It-Tabella ta' Valutazzjoni se tiffoka fuq il-kisbiet, il-kontributi u t-tkattir kemm tal-impatt ekonomiku kif ukoll soċjali tal-KICs kollha. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-EIT se tkejjel ir-rendiment tal-KICs fir-rigward ta' objettivi partikolari. Barra minn hekk, kif propost fir-reviżjoni tal-bażi legali, qabel it-tnedija ta' sejhiet ġodda, l-EIT se jippubblika l-kriterji u l-proċeduri għall-iffinanzjar, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-attivitajiet tal-KICs.

3. <u>Il-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-EIT stess,</u> li se jikkombina indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi fuq perspettiva ta' żmien medju. Se jkejjel pereżempju r-rendiment tal-EIT huwa u jipprovdi appoġġ lill-KICs, l-intensità u l-kopertura tas-sensibilizzazzjoni (l-għadd ta' avvenimenti ta' prassi

tajba), it-tixrid u l-attivitajiet internazzjonali u l-impatt tal-EIT fl-aġendi Ewropej usa' ta' innovazzjoni ta' politika, riċerka u edukazzjoni (pereżempju perċentwali ta' adozzjoni ta' mudelli ta' EIT ittestjati minn inizjattivi oħra).

4. Monitoraġġ u Valutazzjoni tal-EIT bħala istitut ta' innovazzjoni tal-UE fl-ambitu tal-Orizzont 2020, li se jsir mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-EIT u kif diġà deskritt fl-Artikoli 25 u 26 tar-Regolament XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Orizzont 2020 ta' XXX. Il-valutazzjonijiet huma previsti għall-2016 (l-EIT biss), 2017 (Valutazzjoni interim tal-EIT bħala parti mill-Orizzont 2020) u 2023 (Valutazzjoni ex-post tal-EIT bħala parti mill-Orizzont 2020). Barra minn hekk, qed jiġi propost li l-Kummissjoni, fi kwalunkwe ħin, tista' twettaq aktar valutazzjonijiet fuq temi jew suġġetti ta' rilevanza strateġika. Is-sinerġiji tal-attivitajiet ippjanati tal-EIT ma' programmi oħra tal-UE għandhom jiġu żgurati permezz tal-istima mill-Kummissjoni tal-Programm ta' Ħidma Triennali tal-EIT.

**RAPPURTAR**

Billi l-EIT hija entità tal-Unjoni li tirċievi sussidju mill-baġit tal-Unjoni Ewropea, mill-perspettiva ta' ġestjoni finanzjarja u ta' kontroll, l-EIT se jkollu l-istess trattament bħal entitajiet oħra mwaqqfa skont it-Trattat u li b'mod ġenerali jissejjħu aġenziji tal-Unjoni. Dan ifisser li l-punt [17] tal-Ftehim Inter-istituzzjonali ta' XX/YY/201Z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni f'affarijiet ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja soda, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali japplika għall-EIT. Fir-rigward tar-rappurtar dwar **l-implimentazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ:**

- Il-Programm ta' Ħidma Triennali (TWP) tal-EIT se jidentifika l-prijoritajiet u l-miri rilevanti fi ħdan l-objettivi strateġiċi tal-EIT għas-sena ta' wara (n+1). Il-KICs għandhom jiġu kkonsultati fuq prijoritajiet u miri qabel l-adozzjoni finali tat-TWP biex ikunu jistgħu jintegrawhom fis-sħiħ fil-Pjanijiet Imprenditorjali annwali rilevanti tagħhom.

- Ir-Rapport dwar l-attività Annwali għas-sena ta' qabel (n-1) se jinkludi r-riżultati tal-proċess ta' monitoraġġ għal n-1 u jiddeskrivu kif u sa liema punt inkisbu l-objettivi. Ir-Rapport dwar l-Attività Annwali għandu jqis ir-Rapporti dwar l-Ispejjeż u r-Rendiment talk-KIC għas-sena ta' qabel (n-1) tal-operazzjonijiet tagħhom.

Il-kundizzjonijiet **ta' rrappurtar tal-KICs** ġew stabbiliti fil-qafas tal-Ftehim ta' Sħubiji ta' Qafas u l-Ftehimiet ta' Għotjiet Annwali (rappurtar dwar ir-rendiment u l-ispejjeż). Mill-banda l-oħra, biex tiżdied l-effiċjenza u l-effettività fl-infiq u abbażi tal-esperjenza miksuba mill-EIT matul l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' għotjiet annwali mill-KICs, se jiġu implimentati għadd ta' miżuri ta' simplifikazzjoni fil-proċess ta' ġestjoni tal-għotjiet, li se jkollhom bħala tiri ewlenin it-tnaqqis tax-xogħol amministrattiv għall-KICs u ż-żieda fil-kwalità tad-dejta li tingħabar. Mill-banda l-oħra, kif spjegat hawn fuq, sett ġenerali ta' indikaturi komuni għall-KICs kollha se jiġi implimentat permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni, b'attenzjoni fuq il-kisbiet, il-kontributi u t-tkattir kemm tal-impatti ekonomiku kif ukoll soċjali tal-KICs kollha.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

#### *2.2.1. Riskji identifikati*

Meqjusa l-ħtieġa ċara meħtieġa fil-ġestjoni tal-baġit Ewropew b'mod effiċjenti u effettiv, u biex ma jkunx hemm frodi jew ħela, l-EIT huwa u jimplimenta l-baġit, se jistabbilixxi sistema ta' kontroll interna li se tiżgura b'mod raġonevoli li l-marġini ta' żbalji matul il-kors ta' perjodu multiannwali ta' nfiq ikun jinsab f'medda ta' 2-5%, u idealment madwar 3.5%, kif ġie propost skont ir-Regolament li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid fl-ambitu tal-Orizzont 2020, li abbażi tiegħu se jkunu mibnija s-sistema ta' kontroll intern u l-istrateġija ta' verifika.

Il-qafas ta' kontroll intern tal-EIT se jinbena wkoll fuq l-Istandards ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni, il-proċeduri tal-EIT innifsha, il-verifiki ex-ante ta' 100% tal-infiq iddikjarat mill-

KICs iffinanzjat mill-EIT, iċ-ċertifikati tal-verifika, iċ-ċertifikazzjoni ex-ante ta' metodoloġiji ta' dikjarazzjoni tal-ispejjeż, verifiki ex-post fuq kampjun ta' talbiet, riżultati ta' proġetti u valutazzjoni esterna.
Skont l-Artikolu 38(4) tar-Regoli Finanzjarji tal-EIT, l-uffiċjali li jawtorizza wettaq, b'konformità mal-istandards adottati mill-Bord tat-Tmexxija abbażi ta' standards ekwivalenti stabbiliti mill-Kummissjoni, u b'konsiderazzjoni tar-riskji marbuta mal-ambjent ta' ġestjoni u n-natura tal-azzjoni ffinanzjata, l-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri ta' ġestjoni interna u ta' kontroll xierqa għat-twettiq tad-dmirijiet tal-EIT.
L-Eżerċizzju ta' Ġestjoni tar-Riskju jsir fuq bażi ta' kull sena biex jittaffew xi riskji marbuta mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-EIT. F'dan il-kuntest, l-EIT għandu jqis, meta jistabbilixxi l-qafas ta' kontroll intern, ir-riskji tal-attivitajiet implimentati, il-karatteristiċi speċifiċi tal-popolazzjoni u r-rikorrenza tal-benefiċjarji (attwalment tliet KICs), il-frekwenza tal-għotjiet (annwali) u d-daqs tat-tranżazzjonijiet (ara l-punt 1.5.3 dwar il-perjodu ta' ħajja ta' ħmistax-il sena tal-KIC u l-fażijiet differenti tal-iżvilupp) u għandu jevita kull sovrappożizzjoni ta' finanzjament.
Billi l-ewwel għotjiet annwali lill-KICs saru fl-2010, l-EIT għad ma għandux riżultati tar-rati ta' żbalji. Madankollu, matul l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' għotjiet attwali, ġew identifikati l-kategoriji ta' riskju li ġejjin:

– żbalji li ġejjin mill-komplessità tar-regoli;

– żbalji li ġejjin mill-interpretazzjoni tar-regoli;

– rispett tar-regoli ta' eliġibbiltà;

– dokumenti ta' appoġġ disponibbli;

– kalkolu ħażin ta' spejjeż indiretti.

Il-miżuri ta' simplifikazzjoni deskritti hawn fuq se jikkontribwixxu wkoll għat-titjib u t-tnaqqis tar-rati ta' żbalji.

*2.2.2. Metodu(i) ta' kontroll previst(i)*

Kif deskritt fl-Artikolu 23 tar-Regolament XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Orrizont 2020 ta' XXX, is-sistema ta' kontroll stabbilita mill-EIT għandha tipprovdi assikurazzjoni raġonevoli li tinkiseb ġestjoni xierqa tar-riskji marbuta mal-effettività u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet, bl-iżgurar tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-kisba ta' bilanċ bejn il-fiduċja u l-kontroll. Hija se tkompli tnaqqas il-piż amministrattiv għall-KICs.
Bħala parti mis-sistema ta' kontroll li se tkun implimentata mill-EIT, l-istrateġija ta' verifika se tkun imsejsa fuq il-verifika finanzjarja ta' kampjun rappreżentattiv ta' nfiq tal-baġit kollu tal-EIT, l-aktar permezz tal-għotjiet annwali lill-KICs fuq bażi ta' kull sena. Dan il-kampjun rappreżentattiv jista' jiġi kkomplementat minn għażla msejsa fuq valutazzjoni tar-riskji marbuta mal-infiq matul verifiki ex-ante ta' 100% tat-talbiet u l-esperjenza miksuba se tintuża fil-valutazzjoni tal-qafas ta' kontroll tal-ġestjoni tar-riskju għall-implimentazzjoni tal-għotjiet. Il-verifiki tan-nefqa għandhom jitwettqu b'mod koerenti skont il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività.
Fir-rigward tal-Qafas ta' kontroll intern tal-EIT, l-EIT żviluppa strateġija ġenerali, inkluża struttura ta' sorveljanza, dwar l-implimentazzjoni ta' proċessi ta' kontroll intern li jappoġġjaw iċ-ċiklu kollu tal-infiq. Il-ġestjoni fil-livelli għolja tagħha tiżgura li din l-istrateġija ġenerali, kif ukoll l-Inizjattiva ta' Standardizzazzjoni u Simplifikazzjoni (SSI) u l-implimentazzjoni tagħha, jiġu aċċettati formalment mill-Bord tat-Tmexxija.
L-Inizjattiva ta' Standardizzazzjoni u Simplifikazzjoni (SSI) implimentata mill-EIT timxi fuq approċċ imsejjes fuq tliet punti:

– Eżerċizzju ta' ppjanar standardizzat tal-EIT u programm ta' ħidma;

– Rabta mal-eżerċizzju ta' Ġestjoni tar-Riskju;

– Żvilupp ta' Proċeduri Operattivi Standard (SOP).

Il-Proċeduri Operattivi Standard (SOP) huma struzzjonijiet miktuba fid-dettall biex tinkiseb uniformità ta' rendiment ta' proċess speċifiku; l-istruzzjonijiet normalment ikopru aktar minn kompitu jew qasam wieħed fi ħdan l-EIT, l-Unità, it-Taqsima jew it-timijiet.
Fil-qafas tas-simplifikazzjoni b'attenzjoni fuq ir-rendiment, u sabiex jiżdiedu l-effiċjenza, ir-regolarità u tonqos kull rata possibbli ta' żbalji tal-attivitajiet implimentati mill-EIT fir-rigward tal-attivitajiet tal-KICs, se jiġi propost l-użu tal-għotjiet taħt forma ta' somom kbar ta' darba, rati fissi u skali ta' spejjeż ta' unità b'konformità mal-profil tal-attivitajiet implimentati mill-KICs, kif propost fir-Regolament XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Orizzont 2020 ta' XXX. Għal dawk li huma ċertifikati ta' verifika dwar dikjarazzjonijiet finanzjarji li jridu jiġu pprovduti mill-KICs u l-imsieħba varji, li bihom l-awdituri indipendenti jiċċertifikaw il-legalità u l-konformità tal-ammonti dikjarati fir-rapporti finanzjarji, il-livell minimu għal dawn iċ-ċertifikati se jkun stabbilit fil-livell iddefinit bl-Artikolu 28 tar-Regolament li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid fl-ambitu tal-Orizzont 2020. Id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ddefiniti fuq dan ir-Regolament se jiġu wkoll applikati fir-rigward taċ-ċertifikati dwar il-metodoloġija u l-awdituri li jiċċertifikaw.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

### *2.3.1 Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni jew protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.*

Kif deskritt bl-Artikolu 24 tar-Regolament XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Orizzont 2020 ta' XXX, l-EIT għandu jieħu miżuri xierqa biex jiżgura li l-interessi finanzjarji tal-unjoni jitħarsu. Il-proposti għal Orizzont 2020 ġew suġġetti għal protezzjoni kontra l-frodi u valutazzjoni tal-impatt tagħhom. B'mod ġenerali, il-miżuri proposti għandu jkollhom impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi, speċjalment l-enfasi ikbar fuq il-verifika bbażata fuq ir-riskju u għandhom isaħħu l-evalwazzjoni u l-kontroll.
L-EIT huwa ddeterminat li jiġġieled kontra l-frodi fl-istadji kollha tal-proċess ta' ġestjoni tal-għotjiet u l-attivitajiet oħra implimentati. Id-deċiżjonijiet kollha adottati u l-kuntratti konklużi mill-EIT jsitipulaw b'mod espliċitu li l-Uffiċċju Ewropew Konta l-Frodi (OLAF) u l-Qorti tal-Awdituri jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post biex jivverifikaw id-dokumenti tal-kuntratturi u subkuntratturi kollha li rċevew fondi tal-Unjoni, inkluż fil-bini tal-benefiċjarji finali, skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar verifika u spezzjonijiet fuq il-post[13].
L-OLAF għandu l-jedd li jwettaq investigazzjoni interna fl-EIT, u l-Bord tat-Tmexxija ffirma ftehim dwar l-adeżjoni mal-Ftehim interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn "il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni" dwar investigazzjonijiet mill-OLAF[14].
L-EIT wettaq ukoll deċiżjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet interni rigward il-prevenzjoni ta' frodi, korruzzjoni u kull xorta ta' attività illegali li hija ta' ħsara għall-interessi tal-Unjoni.

[13] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2
[14] Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-EIT tal-20 ta' Frar 2009.

## 3. L-ISTIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji tan-nefqa eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi u tal-linji baġitarji tal-qafas finanzjarju multiannwali.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja tal-baġit | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru 15.02.11<br>L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknologija (EIT) | DA/NDA (15) | Minn pajjiżi tal-EFTA[16] | minn pajjiżi kandidati[17] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 18 (1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| 1 | 15 02 11 01 "Struttura tat-Tmexxija" 2008/2013 | AMD | IVA | LE | LE | LE |
| 1 | 15 02 11 02 "Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KIC) u attivitajiet oħra operattivi" 2008/2013 | DA | IVA | LE | LE | LE |

- Linji tal-baġit ġodda mitlubin

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja tal-baġit | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | DA/NDA (18) | Minn pajjiżi tal-EFTA[19] | minn pajjiżi kandidati[20] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 18 (1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| | 15 07 03 01 "Struttura ta' Tmexxija" 2014/2020 | DNA | IVA | LE | LE | LE |
| | 15 07 03 02 "Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) u attiviatjiet operattivi oħra" 2014/2020 | DA | IVA | LE | LE | LE |

15 AD= Approprjazzjonijiet differenzjati / AMD= Approprjazzjonijiet mhux differenzjati
16 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
17 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.
18 AD= Approprjazzjonijiet differenzjati / AMD= Approprjazzjonijiet mhux differenzjati
19 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
20 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Stima tal-impatt fuq l-infiq

#### *3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq l-infiq*

EUR miljun (sa 3 punti deċimali) fil-prezzijiet attwali

| **L-intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | Għadd | **1 - Nefqa Operattiva u Amministrattiva tal-EIT** |
|---|---|---|

| **L-EIT** | | | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** | **Sena 2021** | **Sena 2022** | **IT-TOTAL 2014-2022** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Titolu 1** - 15 07 03 01 "Struttura ta' Tmexxija" 2014/2020 | Impenji | (1a) | 5,837 | 6,386 | 7,949 | 8,108 | 8,730 | 8,905 | 9,083 | | | **54,998** |
| | Pagamenti | (2a) | 5,837 | 6,386 | 7,949 | 8,108 | 8,730 | 8,905 | 9,083 | | | **54,998** |
| **Titolu 2** - 15 07 03 01 "Struttura ta' Tmexxija" 2014/2020 | Impenji | (1b) | 1.592 | 1.732 | 1.987 | 2.027 | 2.183 | 2.226 | 2.271 | | | **14.017** |
| | Pagamenti | (2b) | 1.592 | 1.732 | 1.987 | 2.027 | 2.183 | 2.226 | 2.271 | | | **14.017** |
| **Titolu 3** - 15 07 03 02 "Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) u attivitajiet operattivi oħrajn" 2014/2020 | Impenji | (1c) | 267.498 | 324.047 | 389.375 | 472.279 | 497.460 | 554.832 | 599.777 | | | **3105.268** |
| | Pagamenti | (2c) | 232.723 | 281.921 | 338.756 | 410.883 | 432.790 | 482.704 | 521.806 | 299.888 | 103.796 | **3105.267** |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għall-EIT** | Impenji | =1a+1b+1c | **274,926** | **332,165** | **399,312** | **482,414** | **508,373** | **565,963** | **611,130** | | | **3174,283** |
| | Pagamenti | =2a+2b+2c | **240,151** | **290,039** | **348,693** | **421,018** | **443,703** | **493,835** | **533,159** | **299.888** | **103.796** | **3174,283** |

| **L-intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | **1** | " Nefqa amministrattiva DĠ EAC" |
|---|---|---|

EUR miljun (sa 3 punti deċimali) fil-prezzijiet attwali

| | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** | **IT-TOTAL 2014-2020** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DĠ: EAC** | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani – Staff effettiv - 15.01.05.01 | 0,472 | 0,481 | 0,491 | 0,501 | 0,511 | 0,521 | 0,531 | **3,507** |
| • Riżorsi umani – Staff effettiv - 15.01.05.02 | 0,145 | 0,148 | 0,151 | 0,154 | 0,157 | 0,161 | 0,164 | **1,081** |
| • Infiq ieħor amministrattiv - 15.01.05.03 | 0,371 | 0,378 | 0,551 | 0,563 | 0,401 | 0,497 | 0,597 | **3,359** |
| **TOTAL DĠ: EAC** | **0,988** | **1,008** | **1,194** | **1,217** | **1,069** | **1,179** | **1,292** | **7,947** |
| **TOTAL approprjazzjonijiet taħt INTESTATURA 1 EAC** tal-qafas finanzjarju multiannwali (Total Impenji = Total ta' ħlasijiet) | **0,988** | **1,008** | **1,194** | **1,217** | **1,069** | **1,179** | **1,292** | **7,947** |

EUR miljun (sa 3 punti deċimali) fil-prezzijiet attwali

| | | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | Sena **2018*** | Sena **2019*** | Sena **2020*** | **Sena 2021** | **Sena 2022** | **IT-TOTAL 2014-2022** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt INTESTATURI 1** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | **275,914** | **333,173** | **400,505** | **483,632** | **509,442** | **567,142** | **612,422** | | | **3 182,230** |
| | Pagamenti | **241,139** | **291,047** | **349,887** | **422,236** | **444,772** | **495,014** | **534,451** | **299,888** | **103,796** | **3 182,230** |

* Ammont addizzjonali ta’ EUR 1689,006 miljuni jingħata għas-snin 2018-2020 pro-rata mill-baġits tal-Primat u l-Isfidi imposti mis-Soċjetà għall-Potenzjament u l-Industriji Teknoloġiċi, fuq bażi indikattiva u suġġett għar-reviżjoni stabbilita fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament XX/XXX tal-Orizzont 2020.

3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenji f'EUR miljuni (sa 3 punti deċimali) *fil-prezzijiet attwali*

| **Indika l-objettivi u r-riżultati** ⇩ | | | Sena **2014** | | Sena **2015** | | Sena **2016** | | Sena **2017** | | Sena **2018** | | Sena **2019** | | Sena **2020** | | **IT-TOTAL 2014 - 2020** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **EŻITI** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip ta' eżiti[21] | Kost medju tal-output | Għadd ta' eżiti | Spiża | Għadd ta' eżiti | Spiża | Għadd ta' eżiti | Spiża | Għadd ta' eżiti | Spiża | Għadd ta' eżiti | Spiża | Għadd ta' eżiti | Spiża | Għadd ta' eżiti | Spiża | Għadd totali ta' outputs | Spiża totali |
| **OBJETTIV SPEĊIFIKU Nr 1[22] Konsolidazzjoni u trawwim tat-tkabbir u l-impatt tal-KICs attwali** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Riżultat | KICS | | 3 | 256.89 | 3 | 281.83 | 3 | 284.49 | 3 | 313.77 | 3 | 214.31 | 3 | 183.36 | 3 | 156.70 | 21 | 1 |
| **Subtotal għal objettiv speċifiku Nru 1** | | | **3** | **256.89** | **3** | **281.83** | **3** | **284.49** | **3** | **313.77** | **3** | **214.31** | **3** | **183.36** | **3** | **156.70** | **21** | **1 691,346** |
| **OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 - Żvilupp gradwali lejn KICs ġodda** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Riżultat | KICS | | | | 3 | 25.98 | 3 | 82.81 | 3 | 135.98 | 3 | 232.61 | 3 | 260.17 | 3 | 274.87 | 18 | 1 |
| Riżultat | KICS | | | | | | | | | | 3 | 27.57 | 3 | 87.87 | 3 | 144.31 | 9 | 259,750 |
| **Subtotal għal objettiv speċifiku Nru 2** | | | | | **3** | **25.98** | **3** | **82.81** | **3** | **135.98** | **6** | **260.18** | **6** | **348.04** | **6** | **419.17** | **27** | **1 272,160** |
| **OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 3- It-titjib tal-impatt tal-EITs permezz tal-qsim tal-għarfien, it-tixrid, is-sensibilizzazzjoni u l-espożizzjoni internazzjonali** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Riżultat | | | | 10.61 | | 16.24 | | 22.08 | | 22.52 | | 22.97 | | 23.43 | | 23.90 | | 141.762 |
| **Subtotal għal objettiv speċifiku Nru 3** | | | | **10.61** | | **16.24** | | **22.08** | | **22.52** | | **22.97** | | **23.43** | | **23.90** | | **141.762** |

21 Ouputs huma prodott jew servizzi li għandhom jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

22 Kif ġie deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku(ċi)…"

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **SPIŻA TOTALI** | | **267,50** | | **324,05** | | **389,38** | | **472,28** | | **497,46<br>5** | | **554,83** | | **599,78** | | **3<br>105,268** |

*3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' riżorsi umani tal-EIT*

3.2.3.1. Sinteżi

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi , kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali) fi prezzijiet attwali

| | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** | **Total għall-perjodu 2014-2020** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Uffiċjali (Gradi AD) EAC Linja Baġitarja: 15 01 05 01 | 0,472 | 0,481 | 0,491 | 0,501 | 0,511 | 0,521 | 0,531 | **3,507** |
| Uffiċjali (Gradi AST)EAC Linja Baġitarja: 15 01 05 01 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |
| Aġent kuntrattwalit EAC Linja Baġitarja: 15 01 05 02 | 0,068 | 0,069 | 0,071 | 0,072 | 0,074 | 0,075 | 0,076 | **0,505** |
| Aġent Kuntrattwali EITt Linja Baġitarja: 15 07 03 01 | 1,358 | 1,386 | 1,413 | 1,441 | 1,470 | 1,500 | 1,530 | **10,098** |
| Aġenti Temporanji EAC Linja Baġitarja: 15 01 05 01 | 5,121 | 5,224 | 5,469 | 5,864 | 6,419 | 6,547 | 6,678 | **41,322** |
| Esperti Nazzjonali Ssekondati EAC Linja Baġitarja: 15 01 05 02 | 0,077 | 0,079 | 0,081 | 0,082 | 0,084 | 0,086 | 0,087 | **0,576** |
| Esperti Nazzjonali Ssekondati EIT Linja Baġitarja: 15 07 03 01 | 0,387 | 0,395 | 0,484 | 0,493 | 0,503 | 0,513 | 0,523 | **3,299** |
| Kontribuzzjoni permezz ta' Ftehim ta' Ospitalità[23] | -1,560 | -1,560 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | -3,120 |
| **IT-TOTAL** | **5,924** | **6,074** | **8,007** | **8,454** | **9,060** | **9,241** | **9,426** | **56,187** |

[23] Il-Ftehim ta' Ospitalità jipprevedi li l-Gvern Ungeriż ikopri l-ispejjeż ta' pagi ta' 20 Aġent Kuntrattwali tul 5 snin (2011-2015) li jġibu daqs kontribuzzjoni fi flus kontanti ta' EURO 1.560 miljun fis-sena.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta’ riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta’ riżorsi umani

– X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

– **A) Riżorsi Umani EIT u d-DĠ EAC**

*L-istima għandha tiġi espressa f’ammonti sħaħ (jew l-aktar sa pożizzjoni deċimali waħda)*

| | | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Il-karigi tal-pjan tal-istabiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | |
| XX 01 07 03 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta’ Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | | |
| **15 07 03 01** (Delegazzjonijiet)EIT | | **63** | **63** | **65** | **67** | **70** | **70** | **70** |
| **15 01 05 01** (Riċerka indiretta) | | **3,5** | **3,5** | **3,5** | **3,5** | **3,5** | **3,5** | **3,5** |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f’unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)**[24] | | | | | | | | |
| **15** 01 07 03 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali") | | | | | | | | |
| XX 01 02 02 (AK, INT, JED, LA u ENS fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| **XX** 01 04 ***yy***[25] | - fil-Kwartieri Ġenerali[26] | | | | | | | |
| | - f’delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **15 01 05 02** (AK, INT, ENS – Riċerka indiretta) | | **2** | **2** | **2** | **2** | **2** | **2** | **2** |
| 10 01 05 02 (AK, INT, ENS – Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Intestaturi oħra tal-baġit (speċifika) | | | | | | | | |
| **IT-TOTAL** | | **68,5** | **68,5** | **70,5** | **72,5** | **75,5** | **75,5** | **75,5** |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jkunu mill-persunal tad-DĠ EAC li diġà huma assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew allokati mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni taħt il-proċedura ta’ allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

[24] CA= Aġent fuq Kuntratt; INT= persunal tal-aġenzija (“*Intérimaire*”); JED= *Jeune Expert en Délégation* ("Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet "); LA=Local Agent (Aġent Lokali); SNE=Seconded National Expert (Espert Nazzjonali Ssekondat);

[25] Taħt il-limitu massimu għall-persunal estern minn approprjazzjonijiet operattivi (eks linji “BA”).

[26] Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji DĠ EAC | - Kompiti marbuta mal-proċess ta' adozzjoni tal-Bagit tal-EIT, b'mod partikolari: abbozz ta' baġit, trasferimenti;<br>- Tħejjija tal-opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-Programm Triennali ta' Ħidma tal-EIT;<br>- Tħejjija tal-pożizzjoni tal-osservatur tal-Kummissjoni fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-EIT;<br>-Tħejjija tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħatra tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija tal-EIT;<br>- Koordinazzjoni u allinjament ma' inizjattivi oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Orizzont 2020;<br>- Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-EIT;<br>- Organizzazzjoni tal-laqgħat annwali bejn l-EIT-KICs u s-servizzi tal-Kummissjoni;<br>- Tħejjija tas-sejħiet għal KICs ġodda;<br>- Monitoraġġ u valutazzjoni tal-EIT;<br>- Żgurar ta' konformità tal-laurei bil-marka tal-EIT ma' azzjonijiet meħuda fil-kuntest tal-Qasam tal-Edukazzjoni Ogħla. |
| Personal estern DĠ EAC | - Kontribuzzjoni għat-tħejjija tal-opinjoni tal-Kummissjoni dwar il-Programm Triennali ta' Ħidma tal-EIT;<br>- Kontribuzzjoni għall-koordinazzjoni u allinjament ma' inizjattivi oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Orizzont 2020;<br>- Kontribuzzjoni tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-EIT;<br>- Kontribuzzjoni għall-organizzazzjoni tal-laqgħat annwali bejn l-EIT-KICs u s-servizzi tal-Kummissjoni;<br>- Kontribuzzjoni għat-tħejjija tas-sejħiet għal KICs ġodda;<br>- Kontribuzzjoni għall-iżgurar ta' konformità tal-laurei bil-marka tal-EIT ma' azzjonijiet meħuda fil-kuntest tal-Qasam tal-Edukazzjoni Ogħla. |

– **B) Riżorsi Umani tal-EIT**

| | | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Postijiet ta' staff effettiv tal-EIT** | | | | | | | | |
| Persunal temporanju | AD | 27 | 27 | 28 | 29 | 32 | 32 | 32 |
| | AST | 11 | 11 | 11 | 12 | 12 | 12 | 12 |
| TOTAL postijiet staff effettiv | | **38** | **38** | **39** | **41** | **44** | **44** | **44** |
| **Persunal ieħor (fl-FTE)** | | | | | | | | |
| Aġenti Kuntrattwali (CA= Contract Agent) | | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 |
| Esperti Nazzjonali Ssekondati Experts (SNE) | | 5 | 5 | 6 | 6 | 6 | 6 | 6 |
| Total ta' persunal ieħor | | | | | | | | |
| **PERSONAL TOTALI EIT** | | **63** | **63** | **65** | **67** | **70** | **70** | **70** |

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu

| | |
|---|---|
| Aġenti Temporanji EIT | - Proċess ta' kompiti tal-Baġit tal-EIT u flimkien mal-Aġenda ta' Simplifikazzjoni;<br>- Tħejjija tal-verżjonijiet ġodda ta' ħatra u għażla tal-KICs;<br>- Koordinazzjoni u allinjament ma' inizjattivi oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Orizzont 2020;<br>- Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-EIT;<br>- Organizzazzjoni ta' laqgħat u Seduti ta' smigħ bejn l-EIT u l-KICs;<br>- Tisħiħ ta' KICs attwali;<br>- Monitoraġġ u valutazzjoni tal-EIT;<br>- L-impatt tal-EIT permezz tal-qsim tal-għarfien, it-tixrid, is-sensibilizzazzjoni u l-espożizzjoni internazzjonali. |
| Personal estern EIT | - Kontribuzzjoni għat-tħejjija tal-verżjonijiet ġodda ta' ħatra u għażla tal-KICs;<br>- Kontribuzzjoni għall-Aġenda tal-Intraprenditorija u l-Edukazzjoni tal-EIT;<br>- Kontribuzzjoni għall-Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-EIT;<br>- Kontribuzzjoni għall-iżgurar ta' konformità tal-laurei bil-marka tal-EIT ma' azzjonijiet meħuda fil-kuntest tal-Qasam tal-Edukazzjoni Ogħla. |

Fid-dawl tal-Pjan tal-Istaff Effettiv għal dak li huwa Qafas Finanzjarju Multiannwali, għall-EIT, bħala aġenzija li għadha toħloq, ġie previst staff totali ta' 61 TFEs li jkopru l-perjodu sal-2013 (li jikkorrispondu għal 37 AT + 20 CA + 4 SNE). F'dan il-kuntest, id-DĠ EAC bħala DĠ prinċipali, se tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni mill-EIT tal-Pjan tal-Istaff Effettiv attwali.

Mill-banda l-oħra, matul it-tħejjija annwali tal-Baġit, id-DĠ prinċipali se titlob biss mill-Awtorità Baġitarja l-istaff meħtieġ għall-kisba tal-objettivi tal-EIT.

Ta' min jenfasizza wkoll u jagħraf iż-żieda sinifikanti għall-EIT fix-xogħol u l-kompetenzi fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regolament attwali tal-EIT u l-SIA, kif ukoll l-importanza tal-baġit il-ġdid li l-EIT se timplimenta.

### *3.2.4. Kompatibilità mal-qafas finanzjarju multiannwali kurrenti*

– X Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali kurrenti.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi r-riprogrammar tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

| |
|---|
| Spjega x'tip ta' riprogrammar huwa meħtieġ, u speċifika l-intestaturi tal-baġit konċernati u l-ammonti korrispondenti |

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni ta' strumenti ta' flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali[27].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, u speċifika l-intestaturi u l-intestaturi tal-baġit konċernati u l-ammonti korrispondenti |

### *3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

[27] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

| | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** | Totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Ftehim ta' Ospitalità mal-Gvern Ungeriż** | 1.560 | 1.560 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3.120 |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet iffinanzjati | 1.560 | 1.560 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 3.120 |

* Il-Ftehim ta' Ospitalità jipprevedi li l-Gvern Ungeriż ikopri l-kera tal-bini tal-EIT tul 20 sena (2011-2030) u l-ispejjeż ta' pagi ta' 20 impjegat tul 5 snin (2011-2015) li jġibu daqs kontribuzzjoni fi flus kontanti ta' EURO 1.560 miljun fis-sena.

## 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/inizjattiva m’għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul mixxelanju

EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

| Intestatura tad-dħul tal-baġit: | Approprjazzjon ijiet disponibbli għas-sena tal-baġit li għaddejja | Impatt tal-proposta/inizjattiva[28] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal kemm ikunu meħtieġa kolonni biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul mixxelanju assenjat, speċifika l-linja (linji) tan-nefqa tal-baġit affettwat(i).

Speċifika l-metodu għall-kalkulazzjoni tal-impatt fuq id-dħul.

28 Fir-rigward tar-riżorsi tradizzjonali tagħhom stess (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta’ 25% tal-ispejjeż tal-ġbir.